# Il-Liġi Opportunitajiet INDAQS

## (PERSUNI B'DIŻABILITÀ) 2000

**ĦDAX-IL SENA TAL-LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS**

KUMMISSJONI NAZZJONALI
PERSUNI B'DIŻABILITÀ

www.knpd.org

# Il-Liġi Opportunitajiet INDAQS

## (PERSUNI B'DIŻABILITÀ)

## 2000

**ĦDAX-IL SENA TAL-LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS**

**KUMMISSJONI NAZZJONALI**
**PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

Pubblikazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Bugeia Institute, Santa Venera
Telefon: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS: 7978 8555
Emejl: helpdesk@knpd.org
www.knpd.org

© Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità - 2011

Edituri: Anne-Marie Callus, Marianne Debono, Elvin Sciberras

ISBN: 978-99909-71-51-4

JOSEPH M CAMILLERI, ĊERMEN

# Introduzzjoni

Il-kejl ta' liġi anti-diskriminatorja, bħal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (LOI), hi kemm hi kapaċi ġġib bidla pożittiva fil-kwalità ta' ħajja tal-minoranza li lejha tkun immirata… f'dan il-każ għalina, il-persuni b'diżabilità. Is-suċċess jitkejjel f'termini ta' kwantità, kwalità u ż-żmien li tieħu l-bidla. Naħseb kulħadd jaqbel li, wara għaxar snin ta' ħidma, il-LOI qed ikollha effetti pożittivi fil-ħajja ta' ħafna nies b'diżabilità. Fl-istess waqt naħseb naqblu li dejjem għad fadal aktar x'isir, kemm f'livell individwali, kif ukoll dak nazzjonali. L-ilmenti li tirċievi l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jagħtu ħjiel ta' kif qed issir il-bidla.

Per eżempju matul is-sena 2010/2011 l-KNPD ħadmet fuq total ta' 259 ilment. Is-96 ilment ġdid għal din is-sena fisser tnaqqis minimu mis-sena l-oħra fejn l-ilmenti ġodda kienu jgħoddu 98 ilment. Dan jista' jfisser li l-persuni b'diżabilità qed jiffaċċjaw anqas episodji ta' diskriminazzjoni, jew inkella li anqas inċidenti ta' diskriminizzajoni qed jiġu rrapurtati.

Fil-qasam tal-impjiegi kien hemm żieda ta' 5 ilmenti mis-sena l-oħra, sinjal inkoraġġanti li jfisser li aktar persuni b'diżabilità qegħdin f'impjieg siewi, u minn dawn, aktar persuni huma konxji tad-drittijiet tagħhom. Min-naħa l-oħra fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti niżel bi 3 ilmenti. Bla dubju li dan il-qasam kull ma jmur qed jitjieb. Infatti l-KNPD aktar ikollha talbiet għal pariri milli jiġu rrapurtati lmenti.

Kuntrast interessanti huwa l-qasam tal-aċċessibilità fejn, kuntrarju għal dak li dejjem ġara fis-snin preċedenti, ma kienx l-aktar qasam li rreġistra lmenti, kif jidher mill-fatt li matul l-aħħar sena ta' ħidma ġew reġistrati 25 ilment ġdid, li jfisser tnaqqis ta' 10 ilmenti mis-sena l-oħra. Għalija dan ifisser progress għaliex il-persuni b'diżabilità u s-soċjetà tagħna in ġenerali m'għadhomx jaraw il-qasam tad-diżabilità ddominat --- kif kien --- minn problemi ta'aċċess fiżiku biss.

Matul l-2010 il-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi ġie l-ewwel f'dak li hu lmenti reġistrati: kien hemm 31 ilment ġdid, żieda ta' 9 ilmenti mis-sena l-oħra. Dan ifisser li l-persuni b'diżabilità qed jifhmu kemm hu importanti f'ħajjithom li jkollhom aċċess għall-mezzi ta' informazzjoni, tal-informatika, għal mezzi ta' komunikazzjoni, x-xiri u użu ta' apparat differenti. Jidher ukoll li mhux persuni b'nuqqas fiżiku biss qed jagħmlu użu mil-LOI biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom.

S'issa jidher li għad għandna numru zgħir wisq ta' persuni b'diżabilità li qed jgħixu ħajja adulta indipendenti. Forsi xhieda ta' dan huwa n-numru ċkejken ħafna ta' lmenti ġodda fl-oqsma tal-assigurazzjoni u tad-djar. Il-figuri li joħorġu mill-ħidma tal-LOI fl-2010 huma ritratt ċar li għad

baqa' ħafna x'isir biex persuni b'diżabilità f'Malta u Għawdex isibu posthom bħala adulti indipendenti fil-qalba tal-komunità tal-għażla tagħhom.

Huwa ta' sodisfazzjon għalija li ninnota li matul l-2010 il-KNPD ikkonkludiet 42% tal-ilmenti --- żieda ta' 9% mis-sena 2009. L-istess ġara fil-ħidma tal-Bord dwar l-Eżami ta' X'Inhu Raġonevoli, fejn deheru 77 każ (tnaqqis ta' 5 każijiet mill-2010). Minn dawn, 16% ġew aċċettati bħala raġonevoli (b'ċertu kundizzjonijiet), 9% ma ġewx aċċettati, filwaqt li f'39% tal-każijiet intalbet aktar informazzjoni qabel setgħet titieħed deċiżjoni finali. Kif dejjem saħqet il-KNPD l-għan aħħari tagħna huwa li naslu għal ftehim bonarju, fi żmien raġonevoli u b'tali mod li jirrispetta d-drittijiet tal-persuna b'diżabilità.

Fl-aħħar, din hija l-aħħar sena li l-LOI tibqa' titħaddem fis-sura oriġinali tagħha tas-sena 2000. Bħalissa qed jiġi diskuss fil-Parlament l-Abbozz ta' Liġi 85, Att biex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Materji dwar id-Diżabilità. Wieħed mill-għanijiet wara dan l-Att huwa li l-LOI, flimkien ma' liġijiet oħra tal-pajjiż, jitressqu aktar qrib il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità li, flimkien mal-Protokoll Mhux Obbligatorju, nisperaw li tkun ratifikata fil-futur qarib ħafna. B'hekk il-LOI u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fil-gżejjer tagħna jkomplu jissaħħew, dejjem bil-għan aħħari li titjieb il-kwalità ta' ħajja tal-persuni b'diżabilità kollha.

**Joe Camilleri**
**Novembru, 2011**

# Sommarju Eżekkuttiv

- Matul is-sena 2010/2011 l-KNPD ħadmet fuq total ta' 259 ilment, 163 li kienu pendenti mis-snin ta' qabel u 96 ilment ġdid. Dan ifisser żieda ta' 15-il ilment peress li s-sena l-oħra l-KNPD ħadmet fuq total ta' 244 ilment.
- In-numru ta' lmenti ġodda għal din is-sena (96 ilment) ifisser tnaqqis ta' 7 ilmenti mis-sena l-oħra. Dan għaliex is-sena l-oħra l-KNPD ħadmet fuq 103 ilment ġdid.
- In-numru ta' lmenti ġodda għal din is-sena hu ta' 2 ilmenti anqas mill-medja tal-ilmenti li l-KNPD tirċievi kull sena (98 ilment).
- Fil-qasam tal-impjiegi, in-numru ta' lmenti ġodda tela' minn 14 għal 19 ilment, żieda ta' 5 ilmenti mis-sena l-oħra.
- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta' lmenti niżel minn 22 għal 19 ilment, tnaqqis ta' 3 ilmenti.
- B'kuntrast ma' dak li ġara fis-snin preċedenti, il-qasam tal-aċċessibilità ma kienx l-aktar qasam li dwaru l-KNPD irċeviet ilmenti. Fil-fatt din is-sena ġew reġistrati 25 ilment ġdid, li jfisser tnaqqis ta' 10 ilmenti mis-sena l-oħra.

- Il-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi kkonferma ruħu bħala l-aktar qasam li dwaru l-KNPD irċeviet ilmenti. Fil-fatt din is-sena kien hemm 31 ilment ġdid, żieda ta' 9 ilmenti mis-sena l-oħra.
- F'sintonija ma' dak li ġara fis-snin preċedenti, in-numru ta' lmenti ġodda fil-qasam tal-assigurazzjoni u tad-djar baqa' baxx ħafna meta mqabbla mal-kumplament tal-oqsma. Fil-fatt ma ġie reġistrat l-ebda lment ġdid fil-qasam tal-assigurazzjoni filwaqt li kien hemm 2 ilmenti biss fil-qasam tad-djar.
- Matul din is-sena l-KNPD għalqet 109 ilment minn total ta' 259 ilment li ħadmet fuqhom, filwaqt li 146 ilment għad trid issir aktar investigazzjoni dwarhom. Dan ifisser li 42% tal-ilmenti ingħalqu filwaqt li trid titkompla l-investigazzjoni fuq 58% tal-ilmenti. Dan ifisser li kien hemm żieda ta' 9% fl-ilmenti li ġew konklużi matul din is-sena meta mqabbla mas-sena l-oħra.
- Il-maġġoranza tal-ilmenti magħluqa f'dan il-perjodu (32 ilment jew 29% tal-ilmenti) huma relatati mal-għoti ta' oġġetti u servizzi. Fil-fatt il-KNPD għalqet 32 minn 46 ilment li ħadmet fuqhom f'dan il-qasam.
- Il-KNPD għalqet 20 minn 24 ilment li ħadmet fuqhom fil-qasam tal-impjiegi, filwaqt li għalqet 23 minn 57 ilment li ħadmet fuqhom fil-qasam tal-edukazzjoni. Fir-rigward tal-aċċessibilità, il-KNPD għalqet 29 minn 124 ilment li ħadmet fuqhom matul dan il-perjodu, filwaqt li fir-rigward tal-assigurazzjoni għalqet 3 minn 4 ilmenti li ħadmet fuqhom. Fir-rigward tad-djar il-KNPD għalqet 2 minn 4 ilmenti li ħadmet fuqhom.
- Il-maġġoranza tal-ilmenti (62%) li għadhom qed jiġu diskussi huma relatati mal-aċċessibilità. Filwaqt li t-tieni l-akbar qasam li għandu lmenti miftuħin huwa dak tal-edukazzjoni (23%). Il-qasam tal-impjiegi għandu 3% tal-ilmenti

miftuħin, il-qasam tal-għoti ta' oġġetti u servizzi għandu 10% miftuħin, filwaqt li l-oqsma tal-assigurazzjoni u tad-djar għandhom 1% miftuħin.

- Matul dan il-perjodu kien hemm aktar ilmenti li saru kontra entitajiet pubbliċi (69%) milli kontra s-settur privat (30%). Fir-rigward ta' entitajiet pubbliċi kien hemm żieda ta' 11% (minn 58% għal 69%) filwaqt li fir-rigward tas-settur privat kien hemm tnaqqis bl-istess persentaġġ (minn 41% għal 30%).
- L-ikbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-Gvern (57% tal-każijiet), filwaqt li t-tieni l-akbar numru ta lmenti magħluqa kienu fil-konfront tas-settur privat (24% tal-każijiet). It-tielet l-akbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-Kunsilli Lokali (13%) filwaqt li l-ilmenti magħluqa fil-konfront tal-Knisja kienu ta' 8% u tal-entitajiet parastatali kienu ta' 5%.
- Fl-aħħar tas-sena 2010/2011, il-KNPD kellha każ wieħed li kien għadu quddiem il-Qorti fejn għad trid tkompli tinstema' l-kawża kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Għira. Il-KNPD kellha wkoll tliet każijiet oħra fejn ġie ppreżentat protest ġudizzjarju. Dawn huma kollha relatati mal-aċċessibilità fiżika u saru fil-konfront tas-sidien ta' Sala Sant'Anna, Huggins Pub u Sky Club.
- In-numru ta' każijiet li ra l-Bord dwar l-Eżami ta' X'Inhu Raġonevoli kien 77 każ, li jfisser tnaqqis ta' 5 każijiet mis-sena preċedenti, fejn 30 minn dawn (16%) ġew aċċettati bħala li huma raġonevoli iżda b'ċertu kundizzjonijiet. Min-naħa l-oħra 21 każ (9%) ma ġewx aċċettati filwaqt li kien hemm 26 każ (jew 39%) fejn intalbet aktar informazzjoni lill-applikanti qabel tittieħed deċiżjoni.

# Ħarsa lejn l-Ilmenti Prinċipali

Waħda mill-funzjonijiet li għandha l-KNPD huwa li tassigura li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tiġi osservata u b'hekk tkun qed tħares mhux biss l-interessi tal-persuni b'diżabilità nfushom imma tas-soċjetà kollha in ġenerali. Kif tagħmel kull sena, il-KNPD qed tippreżenta lill-pubbliku rapport tal-ħidma li wettqet matul it-tnax-il xahar ta' qabel, f'dan il-każ bejn Ottubru 2010 u Settembru 2011. Ta' min jirrimarka li r-rapporti ta' ħidma ta' din il-Liġi jibdew minn Ottubru peress li l-Liġi daħlet kollha fis-seħħ f'Ottubru 2000. B'hekk din hija l-ħdax-il sena ta' tħaddim ta' din il-Liġi u kif nistgħu naraw f'dan il-ktejjeb, kien hemm żviluppi interessanti dwar liema oqsma tal-Liġi li l-aktar jolqtu lill-persuni b'diżabilità f'Malta.

Din il-ħidma ssir mit-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs, li hija taqsima żgħira fi ħdan is-segretarjat tal-KNPD. L-għan ewlieni ta' din it-Taqsima huwa li tinvestiga lmenti li tirċievi minn persuni li jħossuhom diskriminati minħabba d-diżabilità tagħhom. Il-membri ta' din it-Taqsima huma kif ġej:

- Is-Sur Joseph M Camilleri, Ċermen tal-KNPD
- Dr Anne-Marie Callus, Direttur Eżekuttiv tal-KNPD

- Is-Sna Marianne Debono, Manager tat-Taqsima
- Is-Sur Elvin Sciberras, Assistant Manager
- Is-Sna Victoria Grech, Assistant Services Officer
- Dr Peter Fenech, Avukat

Taqsima III tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs tagħti dettalji dwar l-oqsma li fihom ma tistax issir diskriminazzjoni kontra persuni minħabba d-diżabilità tagħha. Dawn l-oqsma huma mqassma f'ħames Titoli li huma:

- Impjiegi
- Edukazzjoni
- Dħul (aċċess fiżiku)
- Għoti ta' oġġetti, faċilitajiet jew servizzi
- Akkomodazzjoni (djar)

Minbarra dan, Titolu 6 fl-istess Liġi jagħti dettalji dwar eżenzjonijiet. Dan it-Titolu jipproteġi lill-persuni b'diżabilità kontra diskriminazzjoni fejn tidħol assigurazzjoni.

Din il-parti tar-rapport tiġbor fiha rendikont qasir ta' kull ilment prinċipali li ħadmet fuqu l-KNPD fl-oqsma kollha matul l-aħħar sena. F'kull qasam hemm tliet taqsimiet:

- Ilmenti magħluqa;
- Ilmenti li dwarhom għaddejjin diskussjonijiet (miftuħa);
- Ilmenti quddiem il-Qorti jew l-Arbitraġġ.

*In-numru ta' kull ilment skont it-Tabelli f'paġna XX jidher wara l-isem tal-ilment.*

## 1. L-IMPJIEGI

### ILMENTI MAGĦLUQA

**Talba għal akkomodazzjoni fl-impjieg mal-Malta Enterprise (Ilment 10)**

Persuna nieqsa mid-dawl impjegata mal-Malta Enterprise kkuntattjat lill-KNPD minħabba li

x-xogħol tagħha nbidel u ma setgħetx tkompli tagħmlu bħal qabel. Wara l-intervent tal-KNPD, il-Malta Enterprise fehmet il-bżonnijiet tal-persuna b'diżabilità u ħadet azzjoni immedjata billi fetħet diskussjonijiet mal-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità tal-Informazzjoni u t-Teknoloġija (FITA) sabiex jiġi identifikat apparat speċjali li jgħin lill-persuna waqt xogħolha. Il-KNPD b'sodisfazzjon innotat li fi żmien relattivament qasir kienet instabet soluzzjoni għad-diffikultajiet li kienet qiegħda ssib il-persuna b'diżabilità u għalhekk l-ilment ingħalaq.

### Talbiet għal akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol (Ilment 13)

Matul din is-sena l-KNPD investigat u għalqet ilment li rċeviet minn għalliema li għandha diżabilità fiżika u li taħdem fi skola tal-Knisja. Din allegat li l-iskola biddlitilha l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha mingħajr ma ġiet konsultata. Barra minn hekk hija talbet li ma tiġix assenjata xogħol li jinvolvi tul ta' ħin bil-wieqfa, li ma takkumpanjax lill-istudenti f'ħarġiet fejn ikun hemm bżonn tul ta' mixi, li ma tieħux sehem f'attivitajiet sportivi kif ukoll li tkun stazzjonata fi klassi aċċessibbli minflok tkun hi li ddur minn klassi għall-oħra. Wara li sar kuntatt mal-iskola dwar dan l-ilment, din aċċettat bħala raġonevoli t-talbiet li qed tagħmel l-għalliema u għaldaqstant l-ilment ingħalaq.

### Ħin flessibbli tax-xogħol ma' Heritage Malta (Ilment 17)

Il-KNPD irċeviet ilment mingħand persuna b'diżabilità li taħdem ma' Heritage Malta dwar l-ammont ta' sigħat ta' xogħol li qed tintalab tagħmel matul il-ġimgħa. Dan għaliex filwaqt li din l-entità talbet lill-persuna b'diżabilità taħdem erbgħin siegħa fil-ġimgħa, il-persuna b'diżabilità ħasset li minħabba l-kundizzjoni tagħha għandha titħalla taħdem sigħat imnaqqsin. Wara li l-KNPD ħasset li t-talba tal-persuna b'diżabilità hija

raġonevoli, għamlet kuntatt ma' Heritage Malta fejn wara diskussjonijiet li kien hemm, din aċċettat it-talba tal-persuna b'diżabilità u għalhekk l-ilment ingħalaq.

### Talba biex tirritorna għax-xogħol mal-BOV (Ilment 18)

Wara perjodu konsiderevoli ta' assenza mill-post tax-xogħol minħabba raġunijiet ta' saħħa, persuna b'diżabilità sabet diffikultajiet biex tirritorna għax-xogħol li kellha qabel mal-BOV. Wara kuntatt li għamlet mal-KNPD, din bdiet diskussjonijiet mal-Union, il-Bank u l-persuna b'diżabilità nnifisha. Eventwalment instabet soluzzjoni raġonevoli għall-partijiet kollha involuti billi l-persuna b'diżabilità ġiet aċċettata lura għax-xoghol u b'hekk l-ilment ingħalaq.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Ilmenti fil-konfront tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni b'rabta mal-kundizzjonijiet fil-pagi (Ilment 1)

Il-KNPD qiegħda tinvestiga lment li li rċeviet mingħand persuni b'diżabilità b'rabta mal-kundizzjonijiet fil-paga tagħha. Din qiegħda tallega li hija tagħmel xogħol li huwa abbinat ma' Skala tal-Gvern li huwa ogħla minn dik li tinsab fiha. Għaldaqstant il-KNPD għamlet kuntatt mal-*employer* u qed tkompli tinvestiga bit-tama li tinstab soluzzjoni.

### Talbiet għal akkomodazzjoni raġonevoli biex iwettqu xogħol fi skejjel tal-istat (Ilmenti 14, 15)

Il-KNPD irċeviet żewġ ilmenti mingħand persuni b'diżabilità dwar talbiet li għamlu għal akkomodazzjoni fl-iskejjel tal-istat fejn jaħdmu. Wara li semgħet il-verżjoni ta' min għamel l-ilment, il-KNPD għamlet kuntatt mal-iskejjel li qiegħda ssir allegazzjoni kontrihom, mal-Kulleġġi li taħtu

jaqgħu dawn l-iskejjel kif ukoll mal-*European Support Programme* (ESP) tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru minħabba li dawn il-każijiet waslu mingħand dan il-Unit. Ġie deċiż li l-KNPD għandha terġa' tiltaqa' mal-ħaddiema sabiex jiġu identifikati l-bżonnijiet tagħhom u sussegwentement l-ESP kellha ssejjaħ laqgħa bejn il-partijiet kollha in kwistjoni bil-għan li jintlaħaq ftehim. Il-KNPD saħqet li għandu jsir sforz sabiex dawn il-każijiet jiġu solvuti qabel tibda s-sena skolastika ġdida.

### QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-impjiegi li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

## 2. EDUKAZZJONI

### ILMENTI MAGĦLUQA

#### Studenti jinżammu d-dar meta l-*LSA* tkun assenti (Ilment 43)

Il-KNPD uriet it-tħassib tagħha meta rċeviet numru ta' lmenti mingħand ġenituri ta' studenti b'diżabilità li kien qed ikollhom iżommu t-tfal tagħhom id-dar minħabba li l-Learning Support Assistant (*LSA*) ma kinitx qed tmur skola. F'każ minnhom dan ġara minħabba li l-istudent kien għadu kemm gie *statemented* u ma kienx hemm *LSA* biex tiġi allokata lilu. Wara li għamlet kuntatt mad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, dan informa lill-KNPD li kienu ġew proċessati l-applikazzjonijiet biex jiġu ingaġġati *supply LSAs* ġodda u li se tittieħed azzjoni meħtieġa mingħajr dewmien. Peress li l-KNPD innotat li dawn il-kwistjonijiet ġew solvuti, għalqet l-ilmenti.

### L-għażla ta' student b'diżabilità għall-iskejjel tal-Knisja (Ilment 52)

Il-KNPD irċeviet ilment mingħand ġenituri ta' tifel b'diżabilità li kien ġie l-ewwel fil-polza tal-iskejjel tal-Knisja u għalhekk kellhom dritt li jagħżlu f'liema skola jixtiequ li t-tifel tagħhom jattendi. Minkejja dan, saru jafu li minħabba nuqqas ta' aċċess fiżiku fl-iskola li kienu għażlu huma, it-tifel kien se jattendi fi skola oħra. Il-KNPD ħadmet biex din is-sitwazzjoni titranġa u wara diskussjonijiet li kien hemm bejn il-partijiet konċernati, it-tifel beda jattendi l-iskola magħżula mill-ġenituri tiegħu. Dan wara li saru arranġamenti biex ikun hemm l-aċċess meħtieġ.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Aċċessibilità fl-Iskejjel ta' Għawdex (Ilment 25)

Il-KNPD kompliet tindirizza l-ilment li rċeviet minn persuni b'diżabilità (kemm studenti kif ukoll staff) minħabba nuqqas ta' aċċessibilità fi skejjel f'Għawdex. Fis-snin li għaddew kienu saru laqgħat bejn il-KNPD u l-Ministeru ta' Għawdex f'dawn l-iskejjel li ġew segwiti minn rapport dettaljat li kien sar minn Perit li tqabbad mill-istess Ministeru. F'dan ir-rapport ġew imsemmija l-problemi maġġuri li kellu jsir xogħol fuqhom fuq medda ta' żmien. Matul din is-sena l-KNPD kompliet issegwi dan ir-rapport sabiex tiżgura li ż-żmien stipulat għal kull biċċa xogħol li tissemma qed jiġi osservat. Wara kuntatt li sar mal-Ministeru ta' Għawdex gie kkonfermat li saret stallazzjoni ta' *platform lift* fl-Iskola Sir MA Refalo kif ukoll qed isiru rampi fl-Iskola Agius De Soldanis. Hekk kif jiġi kkonfermat li dan il-*platform lift* u r-rampi huma skont il-Linji Gwida *Access for All*, il-KNPD tkun tista' tagħlaq dan l-ilment.

### Akkomodazzjoni waqt l-eżamijiet għal student b'diżabilità li jattendi l-MCAST (Ilment 51)

Il-KNPD irċeviet ilment dwar akkomodazzjoni waqt l-eżamijiet minn persuna b'diżabilità li qed tagħmel kors fl-Aircraft Maintenance li jiġi offrut

mill-MCAST. Filwaqt li l-KNPD fehmet li dan il-kors huwa wieħed sensittiv u mhux faċli li tinstab soluzzjoni, emfasizzat li skont kif titlob il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), l-istudent għandu jingħata akkomodazzjoni raġonevoli. Wara korrispondenza u anke laqgħa li saret bejn il-partijiet kollha involuti (jiġifieri MCAST, Civil Aviation Directorate ta' Transport Malta u l-KNPD), ġie deċiż li sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar dan il-każ, l-eżamijiet li l-istudent intalab jerġa' jagħmel għandhom jiġu posposti.

### QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-edukazzjoni li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

## 3. DĦUL (AĊĊESSIBILITÀ FIŻIKA)

### ILMENTI MAGĦLUQA

**Aċċessibilità fl-Evans Building (Ilmenti 54, 56)**

Il-KNPD kompliet issegwi mill-qrib l-iment dwar nuqqas ta' aċċess fiżiku fl-Evans Building, minn fejn joperaw diversi entitajiet governattivi fosthom l-Uffiċċju tal-Passaporti u r-Reġistru Pubbliku. Wara li fl-2007 il-Perit tal-KNPD għamel spezzjoni fuq il-post u ħejja rapport b'soluzzjonijiet differenti kif dan il-bini jista' jsir aċċessibbli għal kulħadd, matul din is-sena l-KNPD ltaqgħet darbtejn mal-entitajiet li joperaw minn dan il-bini sabiex jiġi stabbilit liema hi l-aħjar soluzzjoni. Wara li ġew ikkunsidrati diversi ċirkustanzi (fosthom diffikultajiet tekniċi), ġie deċiż li għandha ssir rampa tal-injam fuq il-foss (in-naħa ta' Triq il-Merkanti) li tkun paralleli mal-bankina u li tagħmilha possibbli biex persuna b'nuqqas ta' mobilità tasal sal-ewwel sular fejn imbagħad tkun tista' tuża lift eżistenti li jagħti aċċess għas-sulari

ta' fuq. Il-KNPD qiegħda temfasizza li dan il-każ għandu jingħata prijorità minħabba l-influss qawwi ta' nies f'dan il-bini matul is-sena kollha.

### Uffiċini Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Ilment 55)

Matul din is-sena l-KNPD kompliet iżżomm kuntatt mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bil-għan li fuq medda ta' żmien l-uffiċċji distrettwali jsiru aċċessibbli sal-massimu possibbli. Wara li s-sena l-oħra d-Dipartiment informa lill-KNPD dwar ħidma li saret f'diversi uffiċċji, matul din is-sena l-KNPD għamlet spezzjonijiet f'dawn l-uffiċċji sabiex jiġi stabbilit jekk bil-ħidma li saret intlaħaqx livell aċċettabbli ta' aċċessibilità. Il-KNPD bi pjaċir tinnota li sar progress sostanzjali fil-fergħat tal-Birgu, Birkirkara, Mosta, Msida, Naxxar, Qawra, Siġġiewi, Żabbar u Żejtun. Madankollu f'dawk il-fergħat fejn ġie nnutat li x-xogħol għandu jsir aħjar, il-KNPD se titlob lid-Dipartiment sabiex jippreżenta pjan marbut ma' żmien raġonevoli meta se jiġi indirizzat.  Barra minn hekk, se titlob li dan il-pjan jiġbor fih ukoll il-kumplament tal-uffiċċji li s'issa ma sar l-ebda xogħol fihom.

### Il-Bereġ u ċ-Ċentri tas-Saħħa (Ilment 58)

Il-KNPD kompliet tinvestiga diversi lmenti li rċeviet dwar il-fatt li l-bereġ u ċ-ċentri tas-saħħa ma kinux aċċessibbli għal kulħadd. Rigward il-bereġ, fl-2007 rappreżentanti tad-Diviżjoni tas-Saħħa u l-KNPD żaru l-bereġ kollha ta' Malta u ħejjew rapport estensiv b'rakkomandazzjonijiet biex jintlaħaq livell ogħla ta' aċċessibilità fihom. Minħabba li l-KNPD kienet ilha ma tirċievi aġġornament dwar il-progress milħuq,  matul din is-sena ltaqgħet mad-Dipartiment tal-Kura Primarja fejn ġie spjegat lilha li bħalissa qed issir ħidma fuq  l-aċċessibilità ta' 8 bereġ (minn total ta' 40 li jeżistu). Minbarra dan, hemm bereġ li diġa' kienu aċċessibbli qabel ir-rapport li sar fl-2007, hemm oħrajn li saritilhom rampa tal-injam (minħabba li ma setgħetx issir mod ieħor) filwaqt li hemm oħrajn li minħabba

raġuni teknika ma jistgħux isiru aċċessibbli. Id-Dipartiment semma wkoll li f'xi każijiet kien hemm diskussjonijiet għaddejjin u saret anke ħidma mal-Kunsilli Lokali rispettivi biex il-bereġ jiżdidilhom il-livell ta' aċċessibilità jew saħansitra jiġu rilokati f'bini ieħor li huwa aċċessibbli għal kulħadd (dan ġara per eżempju fil-każ tal-Qrendi). Rigward iċ-ċentri tas-saħħa, ġie kkonfermat li riċentement twaħħlu lifts fiċ-ċentri ta' Raħal Ġdid u Bormla, kif ukoll li qed isir tibdil strutturali estensiv fiċ-ċentru tas-saħħa tar-Rabat bil-għan li jsir aċċessibbli għal kulħadd. Dwar iċ-ċentru tas-saħħa tal-Gżira (li dwaru hemm kawża fil-Qorti u li dettalji dwar dan l-ilment jinsabu aktar 'il quddiem), qed issir ħidma sabiex jiġi identifikat post alternattiv fl-istess lokalità li jkun aċċessibbli għal kulħadd. Iż-żewġ naħat qablu li d-Dipartiment għandu jipprovdi żmien raġonevoli meta se jitlestew ix-xogħolijiet f'kull berġa u ċentru tas-saħħa.

### Nuqqas ta' tojlit aċċessibbli fit-Terminal tal-Valletta Waterfront (Ilment 65)

Il-KNPD għalqet l-ilment li rċeviet dwar nuqqas ta' tojlit aċċessibbli fit-Terminal tal-Valletta Waterfront. Wara li għal żmien twil il-kumpanija li tmexxi t-Terminal naqset li tipprovdi żmien stipulat meta t-tojlit se jkun lest, matul is-sena l-oħra kkonsultat mal-KNPD billi bagħtitilha pjanti bi proposti għal dan it-tojlit biex jiġi żgurat li x-xogħolijiet isiru skont il-Linji Gwida *Access for All*. Matul din is-sena l-KNPD ġiet mgħarrfa minn din il-kumpanija li t-tojlit huwa lest u li l-KNPD tista' tagħmel spezzjoni tiegħu. F'din l-ispezzjoni ġie kkonfermat li t-tojlit huwa aċċessibbli għal kulħadd u għalhekk l-ilment ingħalaq.

### Lukanda Le Meridien (Ilment 83)

Matul din is-sena l-KNPD għalqet l-ilment dwar nuqqas ta' aċċessibilità fil-Lukanda Le Meridien tal-Balluta. Fl-2009 kien sar rapport estensiv

mill-Perit tal-KNPD wara spezzjoni li għamel fuq il-post. Dan ir-rapport kien intbagħat lis-sidien fejn intalbu sabiex fi żmien raġonevoli jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa. Matul din is-sena ġie kkonfermat li l-unika kwistjoni li kien fadal mill-aħħar sena, jiġifieri l-istallazzjoni ta' *platform lift* skont il-Linji Gwida *Access for All*, ġiet indirizzata u għaldaqstant l-ilment ingħalaq.

### Nuqqas ta' aċċess fix-*showroom* ġdida ta' Joinwell (Ilment 84)

Il-KNPD kompliet tinvestiga u għalqet l-ilment dwar nuqqas ta' aċċess fix-*showroom* ġdida ta' Joinwell li tinsab f'Ħal Qormi. Wara li l-maniġment informa lill-KNPD li kien lesta x-xogħol fuq ir-rampa tal-entratura, fi spezzjoni li saret mill-KNPD fl-2009 irriżulta li din ma saritx skont il-Linji Gwida *Access for All* minħabba li kienet wieqfa u ma kellhiex poġġaman. Ġie nnutat ukoll li partijiet essenzjali ġewwa x-*showroom* ma kinux aċċessibbli, fosthom il-wesgħa tal-bieb tat-tojlit, u għalhekk il-maniġment intalab jirrimedja s-sitwazzjoni. Matul din is-sena ġie kkonfermat li n-nuqqasijiet li ġew innotati fl-ispezzjoni msemmija ġew indirizzati u għaldaqstant l-ilment ingħalaq.

### Talba biex issir rampa maġenb taraġ fi triq fil-Ħamrun (Ilment 104)

Il-KNPD għalqet l-ilment li nfetaħ fl-2009 dwar talba li għamlet persuna b'diżabilità lill-Kunsill Lokali Ħamrun biex terġa' ssir rampa maġenb taraġ fi Triq Miggiani fil-Ħamrun. Dan minħabba li din il-persuna kienet qed taqta' nifisha kull meta tuża t-taraġ. Il-KNPD għamlet kuntatt mal-Kunsill Lokali fejn dan aċċetta li fi żmien raġonevoli jerġa' jibni rampa skont il-Linji Gwida *Access for All* fl-imsemmija triq. Peress li għal xi zmien il-KNPD ma baqgħetx tiġi aġġornata bil-progress milħuq, għamlet kuntatt mal-Kunsill Lokali li min-naħa tiegħu kkonferma li x-xogħol dam aktar

milli previst billi kien qed ikollu diskussjonijiet ma' sid ta' propjetà li tmiss mar-rampa. Matul is-sena l-oħra l-KNPD għamlet spezzjoni fuq il-post fejn ġie kkonfermat li għalkemm ir-rampa mhix eżatt skont il-Linji Gwida *Access for All*, ma kienx raġonevoli li ssir itwal għaliex kienet se tkun ta' ostaklu għal entratura ta' garaxx. Matul din is-sena l-KNPD ikkonfermat li r-rampa sarilha pavimentar u poġġaman skont l-*Access for All* u għalhekk l-ilment ingħalaq.

### Parkeġġ riservat jinbidel fi *stand* għal *taxis* (Ilment 174)

Il-KNPD irċeviet ilment li parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabilità li jinsab quddiem il-kumpless Baystreet f'San Ġiljan, inbidel fi *stand* għal *taxis*. Il-KNPD għamlet kuntatt ma' Transport Malta u talbet li b'mod immedjat tieħu l-miżuri korrettivi f'dan ir-rigward. Fil-fatt il-KNPD b'sodisfazzjon innotat li fi żmien relattivament qasir dan il-parkeġġ reġa' nbidel għall-użu li kellu qabel u għalhekk l-ilment ingħalaq.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Knejjes Parrokkjali f'Għawdex (Ilment 59)

Il-KNPD kompliet tinvestiga lmenti li jikkonċernaw lid-Djoċesi ta' Għawdex dwar aċċessibilità fil-knejjes parrokkjali Għawdxin. Il-KNPD b'dispjaċir tinnota li mill-ewwel laqgħa li saret mal-Isqof t'Għawdex fl-2007, ftit li xejn ġie reġistrat progress f'dan ir-rigward, għajr li sar titjib fl-aċċessibilità tas-Santwarju Ta' Pinu. Wara din il-laqgħa, saru diversi laqgħat oħra mal-Isqof u ma' delegati tiegħu, fejn intlaħaq ftehim li b'effett mill-2009 għandu jkun hemm żewġ knejjes parrokkjali Għawdxin fis-sena li jsiru aċċessibbli għal kulħadd. Minkejja l-fatt li dan il-ftehim intlaħaq fl-2009, il-KNPD ma rċeviet l-ebda informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħu. Matul is-sena li ġejja l-KNPD se tkompli tinsisti li f'konformità mal-

Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni mitluba, kif ukoll li b'mod urġenti l-KNPD tirċievi pjan ta' azzjoni li jkun marbut ma' żmien raġonevoli dwar meta se jsiru x-xogħolijiet meħtieġa sabiex numru ta' knejjes isiru aċċessibbli għal kulħadd.

### Knejjes Parrokkjali f'Malta (Ilment 60)

Matul din is-sena l-KNPD kompliet tinvestiga diversi lmenti b'konnessjoni mal-Knisja ta' Malta u li jmorru lura għal diversi snin, partikolarment l-aċċessibilità tal-knejjes parrokkjali. Wara laqgħa kordjali li l-KNPD kellha mal-Arċisqof Mons Pawl Cremona u Mons Anton Gouder fl-2007, bi pjaċir tinnota li matul l-aħħar snin saret ħidma sostanzjali f'numru ta' knejjes parrokkjali tant li issa dawn għandhom l-entratura aċċessibbli għal kulħadd. Madankollu tixtieq turi t-tħassib tagħha għall-fatt li l-Knisja ta' Malta ilha żmien relattivament twil ma taġġorna lill-KNPD bil-progress milħuq fil-kumplament tal-knejjes parrokkjali minkejja talbiet biex tagħmel dan. Bil-għan li jiġi żgurat li n-numru ta' knejjes aċċessibbli f'Malta jkompli jiżdied u b'hekk persuni b'diżabilità jingħataw l-istess opportunitajiet fi ħdan il-Knisja, il-KNPD se tkompli tinsisti mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex f'konformità mal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabiltà) jikkoperaw aktar mal-KNPD f'dan ir-rigward.

### Aċċessibilità fil-fergħat tal-Lombard Bank (Ilment 76)

Il-KNPD kompliet tinvestiga l-ilment li rċeviet fl-2009 li l-fergħat tal-Lombard Bank m'humiex aċċessibbli għal kulħadd. Wara l-laqgħa li saret mal-maniġment tal-Bank matul is-sena l-oħra, din is-sena l-KNPD talbet li ssir laqgħa oħra minħabba li kienet ilha ma tirċievi aġġornament dwar il-punti miftehma bejn iż-żewġ naħat. F'din il-laqgħa rriżulta li minkejja li l-Bank naqas li jipprovdi

aġġornament, saru xogħolijiet f'diversi fergħat, fosthom billi nbidlu l-ATMs kollha. F'din il-laqgħa ġie deċiż li fi żmien raġonevoli, il-Lombard Bank għandu jippreżenta aġġornament dwar kull fergħa lill-KNPD kif ukoll jagħmel talbiet għal eżenzjoni lill-Bord Dwar X'Inhu Raġonevoli f'każijiet fejn jirriżulta li huwa impossibbli li fergħat isiru aċċessibbli ghal kulħadd. Ġie deċiż ukoll li għandha ssir ħidma sabiex jiġi ffirmat ftehim bejn iż-żewġ naħat dwar id-diversi aspetti ta' aċċessibilità, fosthom aċċess fiżiku kif ukoll aċċess għas-servizzi li joffri l-Bank.

### Lukandi Excelsior, Dolmen u Riviera (Ilmenti 79, 80, 81)

Il-KNPD kompliet bl-investigazzjoni tagħha dwar nuqqas ta' aċċessibilità f'dawn il-lukandi.

Fir-rigward tal-Excelsior, fl-2009 kien sar rapport dettaljat li kien jinkludi rakkomandazzjonijiet li ntbagħat lis-sidien tal-lukanda sabiex jiġu effettwati fi żmien raġonevoli. Minkejja li matul din is-sena ntbagħtet korrispondenza u anke saret laqgħa fuq il-post, sfortunatament ftit ġie reġistrat progress. Fost il-kwistjonijiet pendenti hemm il-bini mill-ġdid ta' rampa li tagħti aċċess għal *pool* ta' barra, ix-xiri ta' *portable pool lift* u li jiżdied in-numru ta' kmamar aċċessibbli.

Fir-rigward tad-Dolmen, matul din is-sena l-KNPD għamlet spezzjoni fil-lukanda fejn ġie nnutat li naqsu li jipprovdu numru ta' kmamar aċċessibbli skont kif mitlub mill-KNPD. Ix-xogħol fuq dawn il-kmamar għandu jitlesta sal-aħħar ta' Novembru.

Fir-rigward tar-Riviera, il-KNPD reġgħet bdiet tinvestiga dan l-ilment wara li kellha rapporti li tnaqqsu n-numru ta' kmamar aċċessibbli fil-lukanda. Minkejja korrispondenza li ntbagħtet u anke laqgħat li saru bejn iż-żewġ naħat, il-maniġment tal-lukanda baqa' jqis li n-numru ta' kmamar aċċessibbli li qed jintalab mill-KNPD mhux raġonevoli. Wara li l-KNPD baqgħet

tinsisti mal-maniġment dwar l-obbligu tiegħu li jkun f'konformità mal-Linji Gwida *Access for All*, dan aċċetta li jieħu l-miżuri korrettivi tant li ġie mwiegħed li x-xogħolijiet se jitlestew sal-aħħar tal-2011.

### Aċċessibilità fil-ħanut Europharma ta' Birkirkara (Ilment 86)

Tkompliet ukoll l-investigazzjoni ta' lment dwar aċċess fiżiku fil-ħanut Europharma f'Birkirkara li jbigħ apparat speċjali li jintuża minn persuni b'diżabilità. Wara li s-sid ġie avviċinat mill-KNPD dwar dan l-ilment fl-2009, saret applikazzjoni lill-MEPA f'dan ir-rigward li ġiet approvata mill-KNPD wara li skont il-proċedura, il-MEPA talbet lill-KNPD biex tara li l-pjanti ta' din l-applikazzjoni huma skont il-Linji Gwida *Access for All*. Il-KNPD hija mħassba minħabba l-fatt li s-sid ilu minn Settembru tal-2010 ma jipprovdi informazzjoni dwar il-progress milħuq. Matul is-sena li ġejja l-KNPD se tkompli tinsisti mas-sid sabiex jipprovdi l-informazzjoni mitluba u biex fi żmien raġonevoli tinstab soluzzjoni għan-nuqqas ta' aċċess fl-entratura ta' dan il-ħanut u anke fil-faċilitajiet sanitarji.

### Aċċessibilità fit-Toroq (Ilment 94, 96, 98)

Il-KNPD ħasset li ftit qed ikun reġistrat progress fl-ilmenti li jikkonċernaw lil Transport Malta, partikolarment dwar l-aċċessibilità ta' diversi toroq u bankini li ma sarux skont il-Linji Gwida *Access for All.* Għaldaqstant matul din is-sena ltaqgħet darbtejn ma' din l-entità bit-tama li tinstab soluzzjoni. F'waħda minn dawn il-laqgħat ġie deċiż li l-Perit tal-KNPD għandu jiltaqa' mal-Periti ta' Transport Malta fejn dawn tal-aħħar kellhom jipprovdu pjan marbut ma' żmien raġonevoli għal kull triq li tidher fil-lista tat-toroq li ntbagħtet diversi drabi lil Transport Malta, u li rispons dwarha qatt ma wasal għand il-KNPD. Fit-tieni laqgħa, il-KNPD

ġiet żgurata minn Transport Malta li fi żmien raġonevoli se tippreżenta aġġornament dwar l-ilmenti kollha li jikkonċernawha, inkluż dawk dwar it-toroq u l-bankini. Il-KNPD se tkompli tinsisti li dan il-pjan għandu jintbagħtilha u jiġi osservat, kif ukoll li Transport Malta għandha tikkonsulta mal-Linji Gwida *Access for All* u *Streets for All* meta tiddisinja toroq u bankini ġodda.

### Aċċessibilità fil-Kumpless Sportiv u l-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq (Ilment 116)

Matul din is-sena l-KNPD kompliet b'diskussjonijiet mal-Kunsill Malti għall-Isport (KMS) dwar l-ilmenti li rċeviet li l-Kumpless Sportiv u l-Pixxina Nazzjonali m'humiex aċċessibbli għal kulħadd. Fir-rigward tal-Pixxina Nazzjonali, il-Kunsill għarraf lill-KNPD li kien beħsiebu joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jinxtara *portable pool lift* u b'hekk persuni b'diżabilità b'nuqqas ta' mobilità jkunu jistgħu jinżlu jgħumu fiha.  Wara li l-KNPD ikkonfermat li l-ispeċifikazzjonijiet ta' dan il-*pool lift* huma skont il-Linji Gwida *Access for All*, il-KMS xtara dan il-*lift* u llum qiegħed jintuża. Fir-rigward tal-Kumpless Sportiv, sar qbil li l-KNPD għandha tispezzjona dan il-bini u tagħti l-pariri tagħha dwar xogħolijiet li għandhom isiru sabiex isir aċċessibbli għal kulħadd.

### Aċċessibilità fil-Victor Tedesco Stadium u Stadium Nazzjonali f'Ta' Qali (Ilmenti 126, 127)

Wara li rċeviet ilment dwar aċċess fiżiku fil-Victor Tedesco Stadium tal-Ħamrun, il-KNPD għamlet kuntatt mal-maniġment tal-Istadium bil-għan li tinstab soluzzjoni. Il-maniġment tal-Istadium għarraf lill-KNPD li fil-preżent tqabbdet kumpanija biex tagħmel xogħolijiet strutturali maġġuri fl-Istadium u għaldaqstant ikun tajjeb li jsiru diskussjonijiet magħha.  F'laqgħa li saret fuq il-post ġie nnutat li l-Istadium twaqqa' u qed jinbena mill-ġdid u għaldaqstant il-KNPD emfasizzat

l-obbligu li skont kif titlob il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), il-post għandu jsir aċċessibbli għal kulħadd. F'din il-laqgħa l-KNPD ġiet infurmata li l-proġett il-ġdid jaħseb għal bżonnijiet ta' kulħadd u fil-fatt kull parti tal-Istadium se tkun aċċessibbli, jiġifieri l-entraturi, *stands*, bars, tojlits, kamra tal-ġurnalisti, *multi-purpose hall* u l-*pitch*. Il-KNPD saħqet fil-bżonn li viċin l-entraturi għandu jkun hemm parkeġġi riservati tal-persuni b'diżabilità. Kif ukoll, talbet lill-kumpanija biex f'każ ta' diffikultà tagħmel kuntatt mal-KNPD sabiex tingħata l-informazzjoni li jkollha bżonn.

Sadattant il-KNPD iddeċidiet li għandha tifrex l-investigazzjoni tagħha fuq l-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali bir-raġuni tkun li dan jintuża ħafna aktar mill-Victor Tedesco Stadium. Għal dan il-għan ġiet iffissata laqgħa mal-maniġment tal-MFA għal Ottubru.

### Fergħa ġdida tal-Vodafone f'Raħal Ġdid (Ilment 135)

Il-KNPD irċeviet u qiegħda tinvestiga lment ġdid li l-fergħa tal-Vodafone li tinsab f'Raħal Ġdid ma saritx aċċessibbli għal kulħadd minkejja li riċentement sar *refurbishment* fiha. Wara li l-KNPD ikkuntattjat lill-kumpanija, din spjegat li għandha fergħat oħrajn fi nħawi differenti ta' Malta u li huma aċċessibbli. Barra dan, il-bini li għandha f'Raħal Ġdid huwa mikri lilha u ma tistax tagħmel tibdil fih. Il-KNPD ma kkunsidratx li dawn huma raġunijiet validi biżżejjed għalfejn il-fergħa ta' Raħal Ġdid m'għandhiex tkun aċċessibbli għal kulħadd. Għaldaqstant għaddejja b'diskussjonijiet mal-kumpanija sabiex tinstab soluzzjoni.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Matul din is-sena kien hemm dawn l-ilmenti fil-Qorti:

### Iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira (Ilment 57)

Il-KNPD kompliet bil-kawża li għandha fil-Qorti kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa dwar l-aċċessibilità għaċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira. Ir-raġuni ta' dan l-ilment hu li dan iċ-Ċentru jinsab fl-ewwel sular, m'hemmx lift u għaldaqstant mhux aċċessibbli għal kulħadd. Ta' min isemmi li kif inhu spjegat aktar qabel, matul din is-sena l-KNPD kellha laqgħa mad-Dipartiment tal-Kura Primarja fejn ġie kkonfermat lilha li għaddejja ħidma sabiex jinstab post alternattiv fil-Gżira li jkun aċċessibbli għal kulħadd u li jkun jista' jservi ta' Ċentru tas-Saħħa.

### Is-Sala Sant'Anna f'Marsaskala (Ilment 71)

Il-KNPD għamlet protest ġudizzjarju fil-Qorti kontra s-sid ta' Sala Sant'Anna li tinsab f'Marsaskala minħabba nuqqas ta' aċċessibilità għal kulħadd f'dan il-post. Il-KNPD talbet lis-sid sabiex fi żmien raġonevoli jimplimenta t-tibdiliet meħtieġa f'dan ir-rigward iżda s'issa għadu ma ntlaħaqx ftehim.

### Huggins Pub f'Paceville (Ilment 91)

Sar ukoll protest ġudizzjarju kontra s-sid ta' Huggins Pub f'Paceville minħabba li dan naqas li jwieġeb l-ittri tal-KNPD skont kif tobbligah il-Liġi. Ta' min isemmi li f'dawn l-ittri s-sid kien qed jintalab li jagħmel dan il-post aċċessibbli għal kulħadd. Ta' min isemmi wkoll li fl-2004 s-sid kien għamel applikazzjoni lill-MEPA fejn kien ippreżenta pjanti li kienu f'konformità mal-Linji Gwida *Access for All*. Fil-fatt meta dawn ġew riferuti mill-MEPA lill-KNPD (bħala parti mill-proċedura li tintuża f'każ ta' bini li jkun se jintuża mill-pubbliku), tat l-approvazzjoni tagħha għalihom. Minkejja dan, meta nfetaħ l-istabbiliment, il-KNPD irċeviet ilmenti fejn irriżulta li x-xogħolijiet saru b'mod differenti minn kif jidher fil-pjanti, tant li l-bini mhux aċċessibbli għal kulħadd. Matul din is-sena l-KNPD għamlet spezzjoni fuq il-post fejn ġie kkonfermat li potenzjalment dan il-bini jista' jsir aċċessibbli għal kulħadd. Barra minn hekk wara

stħarriġ li għamlet il-KNPD, sabet li l-MEPA qatt ma ħarġet il-permess tal-applikazzjoni msemmija hawn fuq.

### Sky Club f'Paceville (Ilment 93)

Sar ukoll protest ġudizzjarju kontra s-sid ta' Sky Club f'Paceville. Minkejja li s-sid kien ta garanzija bankarja lill-KNPD li se jagħmel il-post aċċessibbli għal kulħadd fi żmien stipulat, dan naqas li jagħmel dan. Minkejja li dan iż-żmien skada u s-sid tilef il-flus tal-garanzija, il-KNPD baqgħet tinsisti mas-sid li għandu jonora l-ftehim li għandu mal-KNPD u l-obbligu li titfa' fuqu l-Liġi. Fil-fatt dan aċċetta li l-Perit tal-KNPD għandu jispezzjona l-post u jirrakkomanda miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex il-post isir aċċessibbli għal kulħadd.

## 4. GĦOTI TA' OĠĠETTI, FAĊILITAJIET U SERVIZZI

### ILMENTI MAGĦLUQA

### Ilment dwar il-mod kif intgħażlu l-atleti għall-iSpecial Olympics (Ilment 165)

Il-KNPD irċeviet ilment mingħand persuna b'diżabilità li allegat li saret diskriminazzjoni fil-konfront tagħha meta saret l-għażla għall-atleti biex jieħdu sehem fl-edizzjoni tal-iSpecial Olympics li saru dan is-sajf fil-Greċja. Il-KNPD ikkuntattjat lill-Kumitat tal-iSpecial Olympics u wara li ġabret l-evidenza kollha tal-każ, ikkunsidrat li l-persuna li għamlet l-ilment ma ġietx trattata b'mod inqas favorevoli abbażi tad-diżabilità u għalhekk għalqet l-ilment.

### Persuna b'diżabilità ma tingħatax lezzjonijiet tas-sewqan (Ilment 182)

Il-KNPD irċeviet ilment li persuna b'nuqqas ta' smigħ li kienet qed tieħu lezzjonijiet tas-sewqan

ma' Royal Motoring School ġiet rifjutata lezzjonijiet mill-*instructor* tagħha u r-raġuni li ngħatat kienet li hi għandha nuqqas ta' smigħ. Il-KNPD ikkuntattjat lill-iskola u kienet sodisfatta li l-imgħallem ta' din l-iskola ħa passi u beda jipprovdi lezzjonijiet lill-persuna b'diżabilità huwa stess. Wara li l-KNPD ġiet mgħarrfa mill-istess persuna li għamlet l-ilment li issa qed tingħata l-lezzjonijiet u sejra tajjeb, għalqet l-ilment.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Sottotitoli tal-programmi fuq l-istazzjonijiet tal-GO u Melita (Ilment 150)

Il-KNPD kompliet tinvestiga l-ilment li rċeviet minn persuni neqsin mis-smigħ dwar il-fatt li l-kumpanija GO ma tipprovdix sottotitoli tal-programmi mxandra mill-istazzjonijiet li jinsabu fil-pakketti offruti minnha. Waqt laqgħa li saret is-sena l-oħra ma' din il-kumpanija, gie kkonfermat li s-sottotitoli jsiru mill-Production Houses infushom meta jkunu qed jaħdmu fuq materjal televiżiv. Barra dan jeżistu diffikultajiet tekniċi dwar l-ammont ta' programmi b'sottotitoli li l-kumpanija GO tista' xxandar. Matul din is-sena l-KNPD firxet id-diskussjonijiet tagħha mal-kumpanija Melita li min-naħa tagħha kkonfermat li għandha anqas diffikultajiet dwar l-ammont ta' programmi b'sottotitoli li tista' xxandar. Madankollu minħabba li n-netwerk Malti jinsab fir-reġjun Għarbi/Ewropa tal-Lvant aktarx li s-sottotitoli tal-programmi barranin ma jasalx lilha bil-lingwa Ingliża. Fl-istess waqt, il-KNPD bdiet diskussjonijiet separati bil-mira tkun li fil-futur jibda jkun hemm programmi televiżivi lokali li jistgħu jiġu segwiti bis-sottotitoli. Qabel tat bidu għal dawn id-diskussjonijiet, il-KNPD ikkonsultat ma' persuni neqsin mis-smigħ u talbithom jidentifikaw lilha x'tip ta' programmi jixtiequ li jiġu mxandra b'dan il-mod. Finalment il-KNPD tixtieq tfaħħar lil PBS tal-inizjattiva li jittrażmettu d-diskors tal-aħħar baġit bis-sottotitoli fuq il-websajt www.di-ve.com

### Diskriminazzjoni fl-*online check in* tal-Airmalta (Ilment 176)

Persuna b'diżabilità li tivjaġġa b'mod frekwenti mal-linja tal-ajru nazzjonali Airmalta għamlet ilment li persuni b'diżabilità ma jistgħux jagħmlu *online check in* bħal passiġġieri l-oħra. Fil-fatt meta persuni b'diżabilità jaċċessaw is-sistema u jindikaw li għandhom bżonn l-assistenza, din ma tħallihomx jipproċiedu bl-*online check in.* Għaldaqstant ma jistgħux jagħmlu użu minn dan is-servizz bħal kulhadd. Il-KNPD għamlet kuntatt mal-Airmalta bil-għan li tinstab soluzzjoni għal dan in-nuqqas u għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet f'dan ir-rigward.

### Assistenza personali għal priġunier b'diżabilità (Ilment 184)

Il-KNPD irċeviet ilment f'isem persuna b'diżabilità li bħalissa tinsab fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Minħabba nuqqas fil-mobilità, din il-persuna għandha bżonn u qed titlob li tingħata assistenza personali. Il-KNPD għamlet kuntatt ma' din il-Faċilità u għaddejja b'diskussjonijiet bil-għan li din is-sitwazzjoni titranġa.

### QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-għoti ta' oġġetti, faċilitajiet u servizzi li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

## 5. AKKOMODAZZJONI (DJAR)

### ILMENTI MAGĦLUQA

### Lift fi blokk ta' appartamenti f'Tigne' Point (Ilment 192)

Il-KNPD irċeviet ilment mingħand persuna b'diżabilità minħabba li l-lift li hemm stallat fil-blokk ta' appartamenti fejn tgħix jieqaf jaħdem fl-għaxra ta' filgħaxija. Meta l-KNPD għamlet kuntatt mal-kumpanija Midi plc li hija responsabbli mill-kumpless Tigne' Point, din wieġbet li l-lift

jieqaf jaħdem matul il-lejl biex jiġu evitati atti ta' vandaliżmu fuqu. Il-kumpanija qalet ukoll li hemm lift ieħor pubbliku fil-viċin li jipprovdi aċċess għar-residenti u għaldaqstant l-ilment ingħalaq.

### ILMENTI MIFTUĦA

**Rampa fil-parapett tal-komun (Ilment 189)**
Il-KNPD kompliet tinvestiga lment li rċeviet mingħand persuna b'diżabilità li tuża siġġu tar-roti dwar il-fatt li l-ġirien tagħha qed jirrifjutaw li jkun hemm rampa fil-parapett tal-komun ta' appartamenti privati. B'dan il-mod qed issib diffikultajiet biex tidħol f'darha. Fil-bidu l-Kunsill Lokali kien aċċetta li jagħmel rampa fuq il-bankina iżda peress li din ġiet perikoluża, il-ġirien talbu li għandha titneħħa filwaqt li rrifjutaw li jsir tibdil fiha biex tiġi aħjar. Matul din is-sena saret laqgħa fuq il-post ma' uffiċjal tal-Kunsill Lokali fejn sar qbil fuq id-disinn ta' rampa skont il-ħtiġijiet tal-persuna b'diżabilità. F'din il-laqgha l-KNPD ġiet infurmata li qabel isir ix-xogħol, jeħtieġ li l-ewwel ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. Sussegwentement, il-Kunsill Lokali informa lill-KNPD li talab laqgħa ma' Transport Malta bil-għan li tinstab soluzzjoni peress li sabu diffikultajiet minħabba l-livelli tat-triq.

### QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-akkomodazzjoni li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

## 6. ASSIGURAZZJONI

### ILMENTI MAGĦLUQA

**Assigurazzjoni għall-persuni b'diżabilità tal-Middlesea u mill-BOV (Ilment 193)**
Il-KNPD kompliet taħdem fuq ilment li l-BOV kien qed ibigħ assigurazzjoni tal-ivjaġġar li ma kinitx

tkopri persuni minħabba d-diżabilità tagħhom. Minħabba li l-assigurazzjoni kienet tinvolvi wkoll lill-Middlesea Insurance, il-KNPD bdiet diskussjonijiet maż-żewġ entitajiet. Meta kienet ikkuntattjata, il-Middlesea mill-ewwel stqarret li l-kliem użat ma kienx korrett u bidlitu. Fir-rigward tal-BOV, fl-2008 kien intlaħaq qbil dwar it-tibdil li għandu jsir fl-assigurazzjoni biex tiġi konformi mal-Liġi. Minkejja dan, il-Bank naqas li jibdel il-prospektus u għalhekk fl-2010 l-KNPD ippreżentat protest ġudizzjarju fil-Qorti kontra l-BOV. Matul din is-sena l-Bank ipprovda kopja tal-prospektus il-ġdid li wara li ġie eżaminat mill-KNPD instab li l-kliem użat m'għadux diskriminatorju u għalhekk l-ilment ingħalaq.

### ROCS Insurance (Ilment 196)

Il-KNPD kompliet tinvestiga lment li rċeviet mingħand ġenituri ta' tifel b'awtiżmu li ma setax isiefer minħabba li sar aġitat ħafna fuq l-ajruplan. Minħabba dan, il-familja kellha tħassar il-btala tagħha. Wara li l-KNPD iddiskutiet mal-kumpanija tal-assigurazzjoni, din aċċettat li tħallas il-kumpens li talbet il-familja u għalhekk l-ilment ingħalaq.

## ILMENTI MIFTUĦA

### Kundizzjonijiet għall-ibbukkjar ta' vaganzi mal-Britannia Services Ltd (Ilment 195)

Matul din is-sena l-KNPD kompliet tinvestiga l-ilment li rċeviet is-sena l-oħra dwar dokumentazzjoni relatata mal-ibbukkjar ta' vaganzi mal-kumpanija Britannia Services Ltd. Wara li kien intlaħaq ftehim dwar kif għandu jinbidel il-kliem diskriminatorju, din il-kumpanija wegħdet li meta joħroġ il-fuljett il-ġdid, il-kliem se jinbidel skont kif miftiehem mal-KNPD. Barra dan wegħdet li se tibgħat kopja tal-abbozz qabel ma dan jiġi ppubblikat. Filwaqt li matul din is-sena l-fuljett ġie ppubblikat u l-kliem użat huwa dak kif miftiehem, il-KNPD sabet li kemm il-verżjoni

komprensiva kif ukoll il-prospektus fuq il-websajt tal-kumpanija baqgħu juru l-kundizzjonijiet ta' qabel. Għaldaqstant il-KNPD talbet lill-kumpanija sabiex tibdel il-kundizzjonijiet fil-verżjonijiet kollha li għandha.

## QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Ma kien hemm l-ebda każ fil-qasam tal-assigurazzjoni li mar quddiem il-Qorti jew arbitraġġ.

# Ħarsa Ġenerali

## ĦIDMA 2000-2011

Kif spjegat aktar qabel, din hija l-ħdax-il sena ta' tħaddim tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Matul din is-sena l-KNPD ħadmet fuq total ta' 259 ilment, li minnhom 163 kienu għadhom pendenti mis-snin ta' qabel filwaqt li 96 kienu lmenti ġodda. Meta wieħed iqabbel iċ-ċifri ta' din is-sena ma' tas-sena ta' qabel, jista' jiġi nnutat li:

- In-numru ta' lmenti ġodda li rċeviet il-KNPD matul din is-sena (96) juri tnaqqis ta' 7 lmenti peress li s-sena l-oħra saret ħidma fuq 103 lment ġdid.
- It-total ta' lmenti li ħadmet fuqhom il-KNPD matul din is-sena (259) juri żieda ta' 15-il ilment mis-sena l-oħra peress li f'dak il-perjodu l-KNPD ħadmet fuq total ta' 244 ilment.
- Peress li l-medja ta' lmenti li l-KNPD irċeviet kull sena matul dawn il-11-il sena huwa ta' 98 ilment, ifisser li n-numru ta' lmenti ġodda (96) huwa ta' 2 imenti anqas mill-medja.

Tabella 1 tipprovdi informazzjoni dwar l-ilmenti kollha li ħadmet fuqhom il-KNPD matul din is-sena f'kull qasam.

Tabella 2 tipprovdi informazzjoni dwar l-ilmenti ġodda meta mqabblin ma' lmenti oħrajn li daħlu fis-snin ta' qabel. Minn din it-tabella jista' jiġi nnutat li:

- Fl-ewwel 11-il sena ta' ħidma, il-KNPD b'kollox investigat 1074 ilment, medja ta' 98 ilment fis-sena, li tvarja bejn 71 u 172 ilment.
- Fil-qasam tal-impjiegi, in-numru ta' lmenti ġodda (19) jfisser żieda ta' 5 ilmenti mis-sena l-oħra (14). Filwaqt li l-persentaġġ ta' lmenti f'dan il-qasam meta mqabbel ma' lmenti f'oqsma oħra juri żieda ta' 6% (minn 14% sa 20%). Dan ifisser 9% aktar mill-medja tal-ilmenti f'dan il-qasam għal dawn il-11-il sena, li hija ta'

**TABELLA 1: Ilmenti li sar xogħol fuqhom fl-2010-2011**

| | Impj | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr |
| Mis-snin ta' qabel | 5 | 3 | 38 | 23 | 99 | 61 | 15 | 9 | 2 | 1 | 4 | 2 | 163 |
| Ġodda | 19 | 20 | 19 | 20 | 25 | 26 | 31 | 32 | 2 | 2 | - | - | 96 |
| **Total** | **24** | **9** | **57** | **22** | **124** | **48** | **46** | **18** | **4** | **2** | **4** | **2** | **259** |

11%. Din iż-żieda hija pożittiva għax tista’ tfisser li l-persuni b’diżabilità qed iħossu importanza akbar tal-Liġi fil-qasam tal-impjiegi wkoll.

- Fil-qasam tal-edukazzjoni, in-numru ta’ lmenti ġodda (19) jfisser tnaqqis ta’ 3 ilmenti mis-sena l-oħra (22). Filwaqt li, bħal fil-każ tal-impjiegi, il-persentaġġ tal-ilmenti f’dan il-qasam jirrappreżenta wkoll 20% tal-ilmenti li kien hemm din is-sena, li jfisser ukoll 1% anqas mill-medja għas-snin kollha (21%). Dan il-persentaġġ għoli juri kemm il-persuni b’diżabilità f’Malta huma konxji dwar l-importanza tal-Liġi fil-qasam tal-edukazzjoni.
- B’kuntrast ma’ dak li ġara fis-snin kollha ta’ qabel, il-qasam tal-aċċessibilità ma kienx l-aktar qasam li dwaru l-KNPD irċeviet ilmenti ġodda. Fil-fatt din is-sena ġew reġistrati 25 ilment, li jfisser tnaqqis ta’ 10 ilmenti mis-sena l-oħra (35). Dan il-qasam jirrappreżenta 26% tal-ilmenti kollha, li jfisser tnaqqis ta’ 8% mis-sena l-oħra u 14% anqas mill-medja għas-snin kollha.
- Il-qasam tal-għoti ta’ oġġetti u servizzi kkonferma ruħu bħala l-aktar qasam li dwaru l-KNPD irċeviet ilmenti. Fil-fatt din is-sena kien hemm 31 ilment ġdid, żieda ta’ 9 ilmenti mis-sena l-oħra (22). Dan il-qasam irreġistra wkoll żieda ta’ 11% fl-ilmenti mis-sena l-oħra (minn 22% għal 31%), li jfisser ukoll żieda ta’ 8% aktar mill-medja tal-11-il sena kollha (23%). Dawn iċ-ċifri juru bl-aktar mod ċar kemm il-persuni b’diżabilità f’Malta huma konxji dwar it-tħaddmin tal-Liġi f’qasam daqshekk importanti.
- Bħas-snin ta’ qabel, in-numru ta’ lmenti fil-qasam tad-djar baqa’ baxx ħafna meta mqabbel mal-oqsma l-oħra. Fil-fatt in-numru ta’ lmenti f’dan il-qasam niżel minn 5 għal 2 ilmenti. Dan ifisser li kien hemm tnaqqis ta’ 3% (minn 5% għal 2%), li hija 1% anqas mill-medja għas-snin kollha (3%).

- Bħalma kien ġara fis-sena 2001/2002, ma ġie reġistrat l-ebda lment ġdid fil-qasam tal-assigurazzjoni. Dan wara li s-sena l-oħra kienu ġew reġistrati 5 ilmenti ġodda. Ta' min isemmi li l-medja f'dan il-qasam għas-snin kollha (2%) hija l-aktar medja baxxa fost l-oqsma kollha.

| **TABELLA 2: Ilmenti matul is-snin** | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Impj** | | **Eduk** | | **Aċċ** | | **Serv** | | **Djar** | | **Ass** | | **Total** |
| | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | |
| 00/01 | 13 | 14 | 10 | 11 | 50 | 53 | 19 | 20 | 1 | 1 | 2 | 2 | 95 |
| ½ | 10 | 13 | 8 | 11 | 42 | 55 | 14 | 18 | 2 | 3 | - | - | 76 |
| 02/03 | 11 | 15 | 23 | 31 | 18 | 24 | 16 | 21 | 5 | 7 | 2 | 3 | 75 |
| ¾ | 9 | 13 | 16 | 23 | 25 | 35 | 16 | 23 | 2 | 3 | 3 | 4 | 71 |
| 04/05 | 7 | 8 | 26 | 29 | 27 | 30 | 25 | 27 | 4 | 4 | 2 | 2 | 91 |
| 05/06 | 6 | 7 | 24 | 26 | 42 | 46 | 18 | 20 | 1 | 1 | 1 | 1 | 92 |
| 06/07 | 9 | 9 | 14 | 13 | 57 | 54 | 22 | 21 | 1 | 1 | 2 | 2 | 105 |
| 07/08 | 8 | 8 | 28 | 29 | 44 | 45 | 15 | 15 | 2 | 2 | 1 | 1 | 98 |
| 08/09 | 11 | 6 | 38 | 22 | 65 | 38 | 50 | 29 | 6 | 3 | 2 | 1 | 172 |
| 09/10 | 14 | 14 | 22 | 21 | 35 | 34 | 22 | 21 | 5 | 5 | 5 | 5 | 103 |
| 10/11 | 19 | 20 | 19 | 20 | 25 | 26 | 31 | 32 | 2 | 2 | - | - | 96 |
| Total 00/11 | 117 | 11 | 228 | 21 | 430 | 40 | 248 | 23 | 31 | 3 | 20 | 2 | 1074 |
| **Medja fuq 11-il sena** | **11** | **11** | **21** | **21** | **39** | **40** | **23** | **23** | **3** | **3** | **2** | **2** | **98** |

Minn dawn iċ-ċifri joħroġ ċar li l-persuni b'diżabilità jħossuhom diskriminati u qed jużaw din il-Liġi biex jippruvaw itejbu l-oqsma tal-għoti ta' oġġetti u servizzi, l-aċċessibilità, l-impjiegi u l-edukazzjoni. Min-naħa l-oħra ftit li xejn qed jużaw l-istess Liġi biex ikun hemm titjib fl-oqsma tad-djar u l-assigurazzjoni.

**TABELLA 3: Kontra min saru l-ilmenti**

| | Gvern | | Para | | KL | | Kns | | Priv | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| 00/01 | 38 | 40 | 23 | 24 | 6 | 6 | 9 | 9 | 19 | 20 | 95 |
| ½ | 23 | 30 | 13 | 17 | 16 | 21 | 14 | 18 | 10 | 13 | 76 |
| 02/03 | 34 | 45 | 11 | 15 | 9 | 12 | 2 | 3 | 19 | 25 | 75 |
| ¾ | 43 | 61 | 6 | 8 | 8 | 11 | 4 | 6 | 10 | 14 | 71 |
| 04/05 | 29 | 32 | 15 | 16 | 11 | 12 | 11 | 12 | 25 | 27 | 91 |
| 05/06 | 28 | 30 | 14 | 15 | 5 | 5 | 25 | 27 | 20 | 22 | 92 |
| 06/07 | 16 | 15 | 25 | 24 | 15 | 14 | 17 | 16 | 32 | 30 | 105 |
| 07/08 | 16 | 16 | 10 | 10 | 15 | 15 | 13 | 13 | 44 | 45 | 98 |
| 08/09 | 72 | 42 | 14 | 8 | 9 | 5 | 23 | 13 | 54 | 31 | 172 |
| 09/10 | 41 | 40 | 7 | 7 | 12 | 12 | 8 | 8 | 35 | 34 | 103 |
| 10/11 | 52 | 54 | 6 | 6 | 9 | 9 | 5 | 5 | 24 | 25 | 96 |
| Total 00/11 | 392 | 32 | 144 | 17 | 115 | 12 | 131 | 14 | 292 | 25 | 1074 |
| **Medja fuq 11-il sena** | **36** | **37** | **13** | **13** | **10** | **11** | **12** | **12** | **27** | **28** | **98** |

L-ilmenti li tirċievi l-KNPD isiru fil-konfront ta' diversi entitajiet, kemm dawk tal-Gvern, entitajiet parastatali, kunsilli lokali, entitajiet privati kif ukoll il-Knisja. Tabella 3 tanalizza l-ilmenti li rċeviet il-KNPD f'dawn il-11-il sena mqassmin skont l-entitajiet li għadhom kif ġew imsemmija. Kif jidher minn din it-tabella, matul l-aħħar sena kien hemm aktar ilmenti li saru kontra entitajiet pubbliċi (67 ilment jew 69% tal-ilmenti kollha) milli kontra s-settur privat (29 ilment jew 30% tal-ilmenti kollha). Fir-rigward ta' entitajiet pubbliċi kien hemm żieda ta' 11% fl-ilmenti (minn 58% għal 69%) filwaqt li fis-settur privat kien hemm tnaqqis bl-istess persentaġġ (minn 41% għal 30%).

## ĦIDMA 2010-2011

F'Tabella 4 hemm analiżi dwar il-259 ilment li l-KNPD ħadmet fuqhom matul l-aħħar sena. Minn dawn, 109 ilment ingħalqu filwaqt li 146 għadhom qed jiġu diskussi. Ta' min jirrimarka li matul din is-sena l-KNPD kompliet bil-kawża li qed tinstema' fil-Qorti kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa dwar aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Għira filwaqt li fi tliet każijiet oħra ġie ppreżentat protest ġudizzjarju. Dawn huma kollha relatati mal-aċċessibilità fiżika u saru fil-konfront tas-sidien ta' Sala Sant'Anna, Huggins Pub u Sky Club. Ta' min jirrimarka wkoll li wieħed mill-ilmenti (kontra l-BOV dwar assigurazzjoni tal-persuni b'diżabilità) ngħalaq wara li s-sena l-oħra ġie ppreżentat protest ġudizzjarju.

Tabella 4 turi wkoll li l-KNPD irnexxielha tagħlaq 42% tal-ilmenti li ħadmet fuqhom matul dan il-perjodu. Dan il-persentaġġ ifisser żieda ta' 9% fuq

l-ilmenti konklużi li kellha l-KNPD matul is-sena l-oħra, f'liema sena kienu ngħalqu 33% tal-ilmenti. Dan il-persentaġġ għoli huwa xi ħaġa pożittiva u jfisser effiċjenza min-naħa tal-KNPD fil-mod kif qed jiġu investigati l-ilmenti li jkollha. Iżda m'hemmx dubju li jfisser ukoll disponibilità aħjar tas-soċjetà in ġenerali sabiex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni b'diżabilità.

Kif spjegat diġa', in-numru ta' lmenti li jinsabu quddiem il-Qorti billi nfetħitilhom kawża jew sarilhom protest ġudizzjarju huwa ta' 4 (naqas minn 5 għal 4 ilmenti), bir-raġuni tkun li matul din is-sena ngħalaq każ fejn ġie ppreżentat protest ġudizzjarju. Fil-fatt il-persentaġġ ta' każijiet li kienu quddiem il-Qorti fl-aħħar tas-sena 2010/2011 reġa' kien ta' 2% (l-istess bħas-sena ta' qabel). Iċ-ċifri li jidhru f'Tabella 4 jirriflettu perfettament il-metodu użat mill-KNPD waqt l-investigazzjoni tal-ilmenti li jkollha, jiġifieri li tirrikorri għall-Qorti jew l-arbitraġġ f'każijiet biss meta tkun għamlet minn kollox sabiex tinnegozja, toffri medjazzjoni u anke

**TABELLA 4: Ħidma fuq l-imenti 2010-2011**

| | Impj | | Eduk | | Aċċ | | Serv | | Djar | | Ass | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Magħluqa | 20 | 18 | 23 | 21 | 29 | 27 | 32 | 29 | 2 | 2 | 3 | 3 | 109 | 42 |
| Diskussi | 4 | 3 | 34 | 23 | 91 | 62 | 14 | 10 | 2 | 1 | 1 | 1 | 146 | 56 |
| Qorti: Kawża/ Protest | - | - | - | - | 4 | 100 | - | - | - | - | - | - | 4 | 2 |
| **Total** | **24** | **9** | **57** | **22** | **124** | **48** | **46** | **18** | **4** | **2** | **4** | **2** | **259** | **100** |

tipperswadi. Fil-fatt il-Qorti jew l-arbitraġġ jintużaw biss f'każijiet fejn tibqa' ma tinstabx soluzzjoni li tirrispetta d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

Tabella 4 toffri wkoll analiżi tal-ilmenti li l-KNPD ħadmet fuqhom minn Ottubru 2010 sa Settembru 2011 imqassmin skont it-tip ta' lment. Fir-rigward tal-ilmenti magħluqa, l-ikbar numru ta' lmenti huma relatati mal-għoti ta' oġġetti u servizzi (32 ilment jew 29% tal-ilmenti konklużi). Filwaqt li t-tieni l-ikbar numru ta' lmenti magħluqa huma relatati mal-aċċessibilità (29 ilment jew 27% tal-ilmenti konklużi). Fil-qasam tal-edukazzjoni, il-KNPD irnexxielha tagħlaq 23 ilment (jew 21% tal-ilmenti konklużi) filwaqt li fil-qasam tal-impjiegi, il-KNPD għalqet 20 ilment (jew 18% tal-ilmenti konklużi). Il-KNPD għalqet ukoll 3 ilmenti fil-qasam tal-assigurazzjoni (jew 3% tal-ilmenti konklużi) filwaqt li fil-qasam tad-djar għalqet 2 ilmenti (jew 2% tal-ilmenti).

Fir-rigward tal-ilmenti li fl-aħħar tas-sena baqgħu miftuħa (u li trid issir aktar investigazzjoni dwarhom sabiex tinstab soluzzjoni), l-ikbar numru ta' lmenti huma relatati mal-aċċessibilità (91 ilment jew 62% tal-ilmenti kollha miftuħin). Barra dan hemm 4 każijiet li għadhom miftuħa u li huma kollha relatati mal-aċċessibilità, li spiċċaw quddiem il-Qorti billi nfetħet kawża jew inkella ġie ppreżentat protest ġudizzjarju. It-tieni l-akbar numru ta' lmenti li għadhom qed jiġu diskussi huma relatati mal-edukazzjoni (34 ilment jew 23% tal-ilmenti miftuħin) filwaqt li t-tielet l-akbar numru huma dawk relatati mal-għoti ta' oġġetti u servizzi (14-il ilment jew 10% tal-ilmenti miftuħa). Fir-rigward tal-impjiegi hemm 4 lmenti miftuħa (jew 3% tal-ilmenti), fil-qasam tad-djar hemm 2 ilmenti miftuħa (jew 1% tal-ilmenti) filwaqt li fil-qasam tal-assigurazzjoni hemm ilment miftuħ (jew 1% tal-ilmenti).

## KONTRA MIN SARU L-ILMENTI

Tabella 5 tipprovdi informazzjoni dwar l-ilmenti li rċeviet il-KNPD fl-aħħar sena mqassmin skont entitajiet differenti f'kull qasam. Minn din it-tabella jista' jiġi nnutat li:

- L-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-impjiegi (63%), mal-edukazzjoni (79%) u mal-għoti ta' oġġetti u servizzi (55%) saru fil-konfront tal-Gvern.
- L-ikbar numru ta' lmenti relatati mal-qasam tal-aċċessibilità (36%) u tad-djar (100%) saru fil-konfront tas-settur privat.

L-akbar ċaqlieq ta' lmenti ġie reġistrat fil-Gvern u fis-settur privat. Filwaqt li fil-qasam tal-Gvern

**TABELLA 5: Ilmenti fil-konfront ta' entitajiet u oqsma differenti**

| | Gvern | | Para | | Kunsilli | | Knisja | | Privat | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | |
| Impj | 12 | 63 | 2 | 11 | - | - | 1 | 5 | 4 | 21 | 19 |
| Eduk | 15 | 79 | - | - | - | - | 3 | 16 | 1 | 5 | 19 |
| Aċċ | 8 | 28 | 1 | 4 | 6 | 28 | 1 | 4 | 9 | 36 | 25 |
| Serv | 17 | 55 | 3 | 10 | 3 | 10 | - | - | 8 | 26 | 31 |
| Ass | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - | - |
| Djar | - | - | - | - | - | - | - | - | 2 | 100 | 2 |
| **Total** | **52** | **53** | **6** | **6** | **9** | **10** | **5** | **5** | **24** | **25** | **96** |

kien hemm żieda ta' 11-il ilment mis-sena l-oħra (jew żieda ta' 13%), kien hemm tnaqqis bl-istess ammont ta' lmenti (jew tnaqqis ta' 8%) fis-settur privat. Imbagħad kien hemm tnaqqis ta' 3 ilmenti fil-kunsilli lokali (jew tnaqqis ta' 2%) u 3 ilmenti oħra fil-Knisja (jew tnaqqis ta' 3%). Fl-aħħarnett kien hemm tnaqqis ta' lment wieħed fl-entitajiet parastatali (6% bħas-sena ta' qabel). Dawn iċ-ċifri jagħtu l-impressjoni li bħal donnu l-persuni

**TABELLA 6: X'sar mill-ilmenti skont l-entitajiet**

| | **Mgħl** | | **Disk** | | **Qorti** | | **Total** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** | **Nr** | **%** |
| Gvern | 57 | 66 | 28 | 33 | 1 | 1 | 86 | 33 |
| Para | 5 | 63 | 3 | 38 | - | - | 8 | 3 |
| KL | 13 | 68 | 6 | 32 | - | - | 19 | 7 |
| Kns | 8 | 16 | 43 | 84 | - | - | 51 | 20 |
| Priv | 24 | 25 | 68 | 72 | 3 | 3 | 95 | 37 |
| Total | 107 | 41 | 148 | 57 | 4 | 2 | 259 | 100 |



b'diżabilità f'Malta jħossuhom aktar kunfidenti jagħmlu lmenti kontra l-Gvern milli kontra s-settur privat. Madankollu jrid jiġi kkunsidrat ukoll li l-Gvern jikkonsisti f'ħafna entitajiet pubbliċi li jipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi lill-pubbliku b'mod ġenerali u għaldaqstant huwa ferm ikbar mis-settur privat.

Tabella 6 toffri informazzjoni dwar il-259 ilment li ġew investigati mill-KNPD matul din is-sena skont l-entitajiet li kontrihom saru l-ilmenti u x'kien ir-riżultat ta' din il-ħidma.

Din it-tabella turi li l-KNPD irnexxielha tagħlaq 41% tal-ilmenti li kellha matul din is-sena, li jfisser żieda ta' 8% mis-sena l-oħra. L-ikbar numru ta' lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-kunsilli Lokali (68% tal-każijiet), filwaqt li t-tieni u t-tielet l-akbar numru ta lmenti magħluqa kienu fil-konfront tal-Gvern (66% tal-każijiet) u tal-entitajiet parastatali (63%).

L-ilmenti magħluqa fil-konfront tas-settur privat kienu ta' 25% filwaqt li l-ilmenti magħluqa fil-konfront tal-Knisja kienu ta' 16%.

## IL-QORTI JEW ARBITRAĠĠ

Fl-aħħar tas-sena 2010/2011 l-KNPD kellha każ wieħed li kien quddiem il-Qorti fejn għad trid tkompli tinstema' l-kawża kontra d-Diviżjoni tas-Saħħa rigward l-aċċessibilità fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira minħabba li dan joffri s-servizzi tiegħu mit-tieni sular u m'hemmx lift. Il-KNPD kellha wkoll tliet każijiet oħra fejn ġie ppreżentat protest ġudizzjarju. Dawn huma kollha relatati mal-aċċessibilità fiżika u saru fil-konfront tas-sidien ta' Sala Sant'Anna, Huggins Pub u Sky Club.

Ta' min iżid ukoll li matul din is-sena l-KNPD rnexxielha tagħlaq ilment wara li s-sena l-oħra kien ġie ppreżentat protest ġudizzjarju fil-Qorti.

Dan l-ilment jikkonċerna lill-BOV u huwa relatat ma' assigurazzjoni tal-persuni b'diżabilità offruta minn dan il-bank. Peress li nstabet soluzzjoni għal dan l-ilment, il-KNPD ma komplitx tinvestigah u għalqitu.

## BORD DWAR L-EŻAMI TA' X'INHU RAĠONEVOLI

Il-KNPD għandha l-obbligu li f'konformità mal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), tinvestiga lmenti ta' diskriminazzjoni li tirċievi, toffri medjazzjoni biex tinstab soluzzjoni u jekk tħoss il-ħtieġa, tressaq il-każ tagħha quddiem l-Arbitraġġ jew il-Qorti. Obbligu ieħor li għandha l-KNPD huwa li tagħti pariri dwar it-tħaddim u l-infurzar ta' din il-Liġi kemm lill-persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom iżda wkoll lil persuni oħrajn fis-soċjetà li b'xi mod għandhom obbligi skont din il-Liġi.

Il-KNPD trid twettaq din il-ħidma fil-limiti ta' dak li l-istess Liġi tiddefinixxi bħala "raġonevoli" (Kapitlu IV). Biex tkun tista' teżerċita din il-ħidma aħjar, il-KNPD għandha bord li jgħinha tiddeċiedi x'għandu jiġi kkunsidrat bħala raġonevoli f'każijiet partikulari. Dan il-bord jitmexxa mis-Sur Joseph M Camilleri, Ċermen tal-KNPD. Il-membri l-oħra ta' dan il-bord huma s-Sna Marianne Debono, Manager tat-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs fil-KNPD, is-Sur John Peel (ġenitur ta' persuna b'diżabilità li ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha), is-Sur Joseph B Camilleri (mis-settur pubbliku), is-Sna Anne McKenna (mis-settur privat) u l-Perit Dr Joseph Spiteri (konsulent tekniku). Is-Sna Marie Barbara (li hi *draughtsperson* mal-KNPD) hi s-segretarja ta' dan il-bord.

B'mod ġenerali l-każijiet li jitressqu lil dan il-bord ikunu kontestazzjoni tal-pożizzjoni li tkun ħadet il-KNPD meta tivvettja applikazzjonijiet għal żvilupp li jsiru lill-MEPA u li jiġu riferuti lilha għal konsultazzjoni. Jirriżulta li ħafna mill-każijiet imressqa jiġu negozjati flimkien mal-applikanti u għaldaqstant ħafna mid-deċiżjonijiet meħuda mill-bord ikunu aċċettati bħala raġonevoli iżda b'ċertu kundizzjonijiet. F'ħafna mill-każijiet ukoll, il-bord jitlob lill-applikanti aktar informazzjoni biex ikun jista' jasal għal deċiżjoni. Tabella 7 tipprovdi informazzjoni dwar il-ħidma ta' dan il-bord f'dawn l-aħħar tmien snin, jiġifieri minn kemm ilu mwaqqaf. Minn din it-tabella jirriżulta li matul din is-sena kien hemm tnaqqis ta' 5 każijiet li ra l-bord mill-aħħar sena (minn 82 għal 77 każ) fejn 30 minn dawn (jew 16%) ġew aċċettati bħala li huma raġonevoli iżda b'ċertu kundiżzjonijiet. Min-naħa l-oħra 21 każ (jew 9%) ma ġewx aċċettati filwaqt li kien hemm 26 każ (jew 39%) fejn intalbet aktar informazzjoni.

Ta' min isemmi wkoll li n-numru ta' każijiet li tressqu lil dan il-bord matul din is-sena (77 każ) kien it-tieni l-ogħla wieħed li qatt ra l-bord minn kemm ilu mwaqqaf, liema numru huwa ferm ogħla mill-medja għat-tmien snin li ilu jiffunzjona (60). Din iż-żieda qawwija tkompli tindika l-ħidma kbira li qed tagħmel il-KNPD f'dan ir-rigward. Tabella 7 turi wkoll li l-aħħar sentejn ta' ħidma ta' dan l-bord kienu l-uniċi sentejn li fihom kien hemm aktar każijiet li ġew aċċettati bħala raġonevoli (17% u 16% rispettivament). Kif diġa' spjegat, ir-raġuni hija li ħafna mill-każijiet imressqa qed jiġu negozjati flimkien mal-applikanti u għaldaqstant ħafna mid-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu aċċettati

**TABELLA 7: Bord dwar l-eżami ta' x'inhu raġonevoli**

| | ¾ | | 04/05 | | 05/06 | | 06/07 | | 07/08 | | 08/09 | | 09/10 | | 10/11 | | Total 03/11 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % | Nr | % |
| Każijiet diskussi | 51 | | 71 | | 59 | | 29 | | 39 | | 73 | | 82 | | 77 | | 481 | |
| Raġonevoli b'kundizzjonijiet | 30 | 16 | 27 | 14 | 15 | 8 | 11 | 6 | 15 | 8 | 27 | 14 | 32 | 17 | 30 | 16 | 187 | 39 |
| Mhux raġonevoli | 21 | 9 | 44 | 19 | 44 | 19 | 18 | 8 | 24 | 11 | 29 | 13 | 26 | 11 | 21 | 9 | 227 | 47 |
| Iktar informazzjoni mitluba | - | | - | | - | | - | | - | - | 16 | 24 | 24 | 36 | 26 | 39 | 66 | 14 |
| **Riferuti għall-bord tal-KNPD** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **1** | **-** | **-** | **-** | **-** | | **1** | **-** |

bħala raġonevoli iżda b'ċertu kundizzjonijiet. Din tista' titqies bħala xi ħaġa pożittiva ħafna minħabba li filwaqt li l-applikanti qed jifhmu aktar l-importanza li jipprovdu aċċess sħiħ lill-persuni b'diżabilità, qed isir sforz sabiex jinstab bilanċ fl-aħjar interess tal-partijiet konċernati.

## KONSULTAZZJONI

Matul l-aħħar sena l-KNPD kompliet tagħti importanza wkoll lill-aspett edukattiv tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) u fil-fatt kompliet bl-impenn tagħha sabiex toffri servizz ta' konsulenza dwar din il-Liġi lil dawk li jaħdmu b'mod dirett f'dan il-qasam (persuni b'diżabilità nfushom, il-familjari tagħhom, organizzazzjonijiet u professjonisti) iżda anke lil dawk il-persuni jew entitajiet li għandhom obbligi skont din il-Liġi (bħalma huma l-*employers*, dawk li joffru servizzi, entitajiet edukattivi u l-kumplament). Bħas-snin l-imgħoddija n-numru ta' konsultazzjonijiet li kellha l-KNPD f'dan ir-rigward kompla jkun wieħed inkoraġġanti.

## KONKLUŻJONI

Fis-snin li ġejjin il-KNPD se tkompli tassigura li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tibqa' tiġi mħarsa bil-mira tkun li l-persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom ikollhom l-ogħla kwalità ta' ħajja possibbli. Dan l-impenn tal-KNPD jkompli jissaħħaħ ħafna aktar meta Malta, kif inhi impenjata li tagħmel, tirratifika l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità kif ukoll il-Protokoll Mhux Obbligatorju li hemm ma' din il-Konvenzjoni, speċjalment li issa din ġiet ratifikata mill-Unjoni Ewropea. Għalhekk filwaqt li għas-sena d-dieħla l-KNPD

trid tkompli bil-ħidma tagħha sabiex titħares il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), trid tkompli taħdem ukoll sabiex pajjiżna jirratifika fl-iqsar żmien possibbli din il-Konvenzjoni (u l-Protokoll). Wara li jsir dan, tkun trid tassigura wkoll li din il-Konvenzjoni tiġi implimentata bis-sħiħ fil-prattika.

**Dr Anne-Marie Callus**
*Direttur Eżekuttiv*

**Marianne Debono**
*Manager tat-Taqsima LOI*

**Elvin Sciberras**
*Assistant Manager - Taqsima LOI*

# Lista ta' Lmenti Kollha

*Dawn l-ilmenti hemm dettalji dwarhom f' paġni xx sa xx*

## L-IMPJIEGI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *1 | Tpoġġiet fi skala iktar baxxa minħabba d-diżabilità tagħha u mingħajr prospetti ta' promozzjoni | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Ottubru 2009 |
| 2 | Akkomodazzjoni biex persuna b'diżabilità tibqa' tgħallem | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Settembru 2010 |
| 3 | Transfer diskriminatorju | Magħluq | Privat | GO | Diċembru 2009 |
| 4 | *Car Park attendants* li jaħdmu fl-istess *car park* fejn jaħdem qed iqabbdu nies oħrajn jaħdmu minflokhom meta suppost iqabbdu lilu | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Jannar 2010 |
| 5 | Trattament ħażin wara transfer | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Awwissu 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|

## L-IMPJIEGI - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Telf tal-impjieg | Magħluq | Privat | De La Rue | Ġunju 2010 |
| 7 | Diffikultà biex persuna b'diżabilità ssib xogħol | Magħluq | Gvern | Gvern ta' Malta | Ottubru 2010 |
| 8 | Allegazzjoni ta' fastidju fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Privat | Grand Hotel Excelsior | Ottubru 2010 |
| 9 | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol u dwar il-ħin tax-xogħol | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Ottubru 2010 |
| *10 | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Parastatali | Malta Enterprise | Ottubru 2010 |
| 11 | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Novembru 2010 |
| 12 | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Gvern | Awtorità tad-Djar | Jannar 2011 |
| *13 | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Knisja | Kulleġġ Stella Maris | Marzu 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *14 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni fi skola tal-Kulleġġ Santa Margerita | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Marzu 2011 |
| *15 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni fi skola tal-Kulleġġ Santa Margerita | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Marzu 2011 |
| 16 | Akkomodazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Gvern | MEPA | Awwissu 2011 |
| *17 | Ħin flessibbli tax-xogħol | Magħluq | Gvern | Heritage Malta | Marzu 2011 |
| *18 | Talba biex tirritorna għax-xogħol | Magħluq | Privat | BOV | Marzu 2011 |
| 19 | Talba għat-trasferiment tal-uffiċċju | Magħluq | Parastatali | Airmalta | Marzu 2011 |
| 20 | L-applikazzjoni għal *Senior Agricultural Foreman* mhux aċċettata | Magħluq | Gvern | Ministeru għar-Riżori u Infrastruttura | Frar 2011 |
| 21 | Allegazzjoni ta' abbuż fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Ġunju 2011 |
| 22 | Talba għal promozzjoni | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Ġunju 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 23 | Ċanfira minħabba nuqqas fuq il-post tax-xogħol | Magħluq | Gvern | Qorti tal-Ġustizzja | Ġunju 2011 |
| 24 | Diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol | Diskuss | Privat | Maltapost plc | Ġunju 2011 |

## EDUKAZZJONI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *25 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi skejjel ta' Għawdex | Diskuss | Gvern | Ministeru ta' Ghawdex | Novembru 2006 |
| 26 | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-palk tal-iskola | Diskuss | Gvern | FTS | Diċembru 2006 |
| 27 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi skejjel tal-kompjuter (ara Tabella A) | Diskuss | Privat | Skejjel tal-kompjuter | Awwissu 2008 |
| 28 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Junior College | Diskuss | Gvern | Università ta' Malta | Ottubru 2008 |
| 29 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni li tinħtieġ fl-istudji | Magħluq | Gvern | Università ta' Malta | Diċembru 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Diffikultajiet fl-akkomodazzjoni meħtieġa fl-iskola | Magħluq | Gvern | Skola Helen Keller | Mejju 2010 |
| 31 | Akkomodazzjoni provduta fil-Kulleġġ San Benedittu | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Ġunju 2010 |
| 32 | Trasport aċċessibbli għall-iskola | Magħluq | Knisja | Skola St Joseph | Ġunju 2010 |
| 33 | Student li għandu *down syndrome* ma jitħalliex jitla' żewġ sulari taraġ mat-tfal tal-klassi jekk mhux fil-preżenza tal-*LSA* | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2010 |
| 34 | Telgħet għal skola tal-Knisja iżda xorta waħda ġiet rifjutata milli tattendi | Magħluq | Knisja | Knisja ta' Malta | April 2010 |

## EDUKAZZJONI - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Studenta tintbagħat id-dar għax l-iskola ma tipprovdix l-akkomodazzjoni meħtieġa | Magħluq | Gvern | Skola Agius De Soldanis | Ottubru 2010 |
| 36 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni fl-iskola | Magħluq | Knisja | Konservatorju tal-Bniet | Novembru 2010 |
| 37 | Lift bil-ħsara baqa' ma ssewwiex | Magħluq | Gvern | Skola tal-Verdala | Ottubru 2010 |
| 38 | Persuna b'diżabilità ma tiġix aċċettata għal eżami minħabba li għandha nuqqas ta' smigħ | Magħluq | Gvern | MCAST | Ottubru 2010 |
| 39 | Problema ta' trasport għall-iskola tal-Wardija | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Novembru 2010 |
| 40 | *LSA* tagħti għajnuna lil żewġ studenti | Magħluq | Gvern | MCAST | Diċembru 2010 |
| 41 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-trasport | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Jannar 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 42 | Nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni tal-għażla tal-Aċċess | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Jannar 2011 |
| *43 | Student jintbagħat id-dar meta l-*LSA* tkun assenti | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Jannar 2011 |
| 44 | Trasferiment ta' *LSA* | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Jannar 2011 |
| 45 | Nuqqas ta' *LSA* fl-iskola primarja taż-Żurrieq | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2011 |
| 46 | Akkomodazzjoni fl-eżami tal-*benchmarking* | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2011 |
| 47 | Akkomodazzjoni waqt l-eżamijiet tal-Matsec | Magħluq | Gvern | Università ta' Malta | Marzu 2011 |
| 48 | Nuqqas ta' sapport biex tagħmel is-sessjonijiet tal-prattika fil-Food Labs tal-iskola | Magħluq | Gvern | Skola Agius De Soldanis | Marzu 2011 |
| 49 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-iskola | Magħluq | Knisja | Skola tal-Knisja | Jannar 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 50 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-iskola Guardian Angel | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tal-Edukazzjoni | Frar 2011 |
| *51 | Akkomodazzjoni waqt l-eżamijiet | Diskuss | Gvern | MCAST | Marzu 2011 |
| *52 | L-għażla ta' student b'diżabilità għall-iskejjel tal-Knisja | Magħluq | Knisja | Knisja ta' Malta | Marzu 2011 |
| 53 | Ma jiġix aċċettat fl-iskola għax filwaqt li jħossu li għandu bżonn *LSA*, l-iskola ma tipprovix dan is-servizz | Magħluq | Privat | Newark Junior School | Lulju 2011 |

## AĊĊESSIBILITÀ – ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *54 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali ta' Evans Building | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Novembru 2000 |
| *55 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Uffiċċji Distrettwali tas-Sigurta' Soċjali | Diskuss | Gvern | Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali | Novembru 2005 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *56 | Nuqqas ta' aċċessibilità għar-Reġistru Pubbliku | Diskuss | Gvern | Reġistru Pubbliku | Lulju 2006 |
| *57 | Nuqqas ta' lift fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira | Qorti/ Kawża | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Lulju 2001 |
| *58 | Aċċessibilità għall-Bereġ u Ċentri tas-Saħħa | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Awwissu 2006 |
| *59 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali tal-knejjes parrokkjali ta' Għawdex (ara Tabella B) | Diskuss | Knisja | Djoċesi ta' Għawdex | Awwissu 2002 |
| *60 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-entratura prinċipali tal-knejjes parrokkjali ta' Malta (ara Tabella Ċ) | Diskuss | Knisja | Knisja ta' Malta | Ottubru 2004 |
| 61 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Diskuss | Knisja | Istitut Kattoliku | Novembru 2007 |
| 62 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-każin | Diskuss | Privat | Każin tal-Banda San Ġwann | Marzu 2003 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 63 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-każin | Diskuss | Privat | Każin tal-Banda Sant'Antnin | Awwissu 2003 |
| 64 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bini tal-Kunsill | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Mġarr | Marzu 2004 |
| *65 | Nuqqas ta' tojlit aċċessibbli | Magħluq | Privat | Valletta Waterfront | Awwissu 2004 |
| 66 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Aula Magna | Diskuss | Gvern | Università ta' Malta | Ottubru 2005 |
| 67 | Nuqqas ta' aċċessibilità għat-teatru | Diskuss | Privat | Empire Cinema | Marzu 2006 |
| 68 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Eden Superbowl | Diskuss | Privat | Eden Leisure Group | Marzu 2009 |
| 69 | Nuqqas ta' aċċessibilità f'toroq fin-Naxxar | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Naxxar | Marzu 2006 |
| 70 | Nuqqas ta' aċċessibilità f'toroq fil-Mosta | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Mosta | Marzu 2006 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *71 | Nuqqas ta' aċċessibilità għas-sala | Qorti/ Protest | Privat | Sala Sant'Anna | Lulju 2006 |
| 72 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Diskuss | Gvern | Belvedere tal-Imdina | Ottubru 2006 |
| 73 | Nuqqas ta' aċċessibilità għall-bajjiet ewlenin | Diskuss | Gvern | Ministeru tat-Turiżmu | Ġunju 2007 |
| 74 | Parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità huwa bil-ħin | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Żejtun | Ġunju 2008 |
| 75 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-fergħat tal-bank | Diskuss | Knisja | APS Bank | April 2008 |
| *76 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-fergħat tal-bank | Diskuss | Privat | Lombard Bank | April 2009 |
| 77 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħwienet tal-McDonald's | Diskuss | Privat | McDonald's | Ġunju 2008 |
| 78 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħwienet tal-Food Chain Holdings Ltd | Diskuss | Privat | Food Chain Holdings | Ġunju 2008 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *79 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Diskuss | Privat | Lukanda Excelsior | Lulju 2008 |
| *80 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Diskuss | Privat | Lukanda Dolmen | April 2009 |
| *81 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Diskuss | Privat | Lukanda Riviera | Marzu 2009 |
| 82 | Nuqqas ta' aċċessibilità f'Portomaso | Diskuss | Privat | Lukanda Hilton | Settembru 2005 |
| *83 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-lukanda | Magħluq | Privat | Lukanda Le Meridien | Lulju 2009 |
| *84 | Nuqqas ta' aċċessibilità fix-*showroom* il-ġdida | Magħluq | Privat | Joinwell Ltd | Novembru 2008 |
| 85 | Nuqqas ta' aċċessibilità fix-*showroom* | Diskuss | Privat | Diamonds International, Portomaso | Diċembru 2008 |
| *86 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut il-ġdid tal-Europharma | Diskuss | Privat | Michele Peresso Ltd | Marzu 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Nuqqas ta' aċċessibilità fir-ristorant | Diskuss | Privat | China House Restaurant | Diċembru 2008 |
| 88 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut | Magħluq | Privat | China Town Cuisine | Settembru 2009 |
| 89 | Nuqqas ta' aċċessibilità fir-ristorant | Diskuss | Privat | Penang Restaurant | Ġunju 2009 |
| 90 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Diskuss | Privat | Ta' Pawlu Restaurant | Novembru 2007 |
| *91 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Qorti/ Protest | Privat | Huggins Pub | Jannar 2007 |
| 92 | Nuqqas ta' aċċessibilità | Diskuss | Privat | Għall-Kafe' | Jannar 2007 |
| *93 | Nuqqas ta' aċċessibilità għad-diskoteka | Qorti/ Protest | Privat | Sky Club | Lulju 2009 |
| *94 | Nuqqas ta' rampa fil-bankina | Diskuss | Gvern | Transport Malta | April 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 95 | Nuqqas ta' aċċessibilità f'bankina ġdida fix-Xagħra | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Ottubru 2008 |
| *96 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bankini | Diskuss | Gvern | Transport Malta | Lulju 2005 |
| 97 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-bankini | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Floriana | Settembru 2009 |
| *98 | *Zebra Crossings* mingħajr rampi | Diskuss | Gvern | Transport Malta | April 2009 |
| 99 | Rampi mblukkati bil-karozzi | Magħluq | Gvern | Kummissarju tal-Pulizija | April 2009 |
| 100 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħwienet ta' Marks & Spencer | Diskuss | Privat | Marks & Spencer | Mejju 2009 |
| 101 | Talba għal parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Lulju 2009 |
| 102 | Talba għal parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Lulju 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 103 | Abbuż minn parkeġġ riservat waqt il-festa | Magħluq | Gvern | Kummissarju tal-Pulizija | Lulju 2009 |
| *104 | Talba biex titranġa rampa mkissra fi Triq Miggiani | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Ħamrun | Novembru 2009 |
| 105 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-tojlit | Diskuss | Privat | Heat Bar & Diner | Diċembru 2009 |
| 106 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-tojlit | Magħluq | Privat | Browns | Diċembru 2009 |
| 107 | Parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabilità jiġi ostakolat minn *kiosk* | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Paola | Lulju 2010 |
| 108 | It-triq u r-rampa fi Triq Santa Rita fir-Rabat jiġu ostakolati minn umbrelel, siġġijiet u mwejjed | Magħluq | Gvern | Kummissarju tal-Pulizija | Mejju 2010 |
| 109 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Belvedere ta' Għajnsielem | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Għajnsielem | April 2010 |
| 110 | Nuqqas ta' aċċessibilità fix-*showroom* il-ġdida | Diskuss | Privat | Forestals | Marzu 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 111 | Telgħa ġdida f'Tigne' Point hija wieqfa wisq | Diskuss | Gvern | Transport Malta | Ġunju 2010 |
| 112 | Nuqqas ta' aċċessibilità fis-*snack bar* | Diskuss | Privat | Marmiton Snack Bar | Ġunju 2010 |
| 113 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-tojlits pubbliċi | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali Mellieħa | Mejju 2010 |
| 114 | Nuqqas ta' aċċessibilità u periklu f'Xatt il-Pwales | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Mejju 2010 |
| 115 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Bajja tal-Mellieħa | Diskuss | Gvern | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Ġunju 2010 |
| *116 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Kumpless Sportiv u Pixxina Nazzjonali | Diskuss | Parastatali | Kunsill Malti għall-Isport | Ġunju 2010 |
| 117 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Għassa tal-Pulizija ta' Marsaskala | Magħluq | Gvern | Kummissarju tal-Pulizija | Awwissu 2010 |

## AĊĊESSIBILITA' - ILMENTI ĠODDA

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 118 | Jitneħħa parkeġġ riservat minn quddiem residenza mingħajr avviż | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Ottubru 2010 |
| 119 | Abbuż minn parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Diċembru 2010 |
| 120 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Kumpless Aċċess ta' Bormla | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali | Diċembru 2010 |
| 121 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-uffiċini tas-CVA | Magħluq | Privat | CVA Technology Co Ltd | Jannar 2011 |
| 122 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq Għajn Tuta f'Kerċem | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Kerċem | Jannar 2011 |
| 123 | Nuqqas ta' aċċessibilità fi Triq il-Ġamar u Triq il-Kenur | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Attard | Frar 2011 |
| 124 | *Bollards* fi Triq Schinas jostakolaw l-aċċess fuq bankina | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Pietà | Frar 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 125 | Siġar fuq bankina jostakolaw l-aċċess għal dar tal-anzjani | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Santa Venera | Lulju 2011 |
| *126 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Victor Tedesco Stadium | Diskuss | Privat | Ħamrun Sports Complex plc | Novembru 2010 |
| *127 | Nuqqas ta' aċċessibilità fl-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali | Diskuss | Parastatali | MFA | Novembru 2010 |
| 128 | Nuqqas ta' aċċessibilità fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Għarb | Diskuss | Knisja | Djoċesi ta' Għawdex | Diċembru 2010 |
| 129 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-tojlits komunali | Diskuss | Privat | Lukanda Riu Seabank & Spa | Jannar 2011 |
| 130 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut Tiptoes ta' Raħal Ġdid | Diskuss | Privat | Tiptoes | Marzu 2011 |
| 131 | Nuqqas ta' aċċessibilità fir-ristorant | Diskuss | Privat | Vine Yard Bar & Restaurant | Jannar 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 132 | Nuqqas ta' parkeġġi għall-persuni b'diżabilità viċin it-tinda f'Ta' Qali | Magħluq | Privat | MFCC | Jannar 2011 |
| 133 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Psychiatric Outreach Services tal-Furjana | Diskuss | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Jannar 2011 |
| 134 | Bżonn ta' parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabilità quddiem l-iskola | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Frar 2011 |
| *135 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-ħanut ta' Vodafone f'Raħal Ġdid | Diskuss | Privat | Vodafone Malta | Marzu 2011 |
| 136 | *Traffic lights* jostakolaw l-aċċessibilità ta' bankina | Diskuss | Gvern | Transport Malta | Marzu 2011 |
| 137 | Rampa fl-entratura tal-ħanut mhix aċċessibbli | Magħluq | Privat | PAVI Supermarket | Marzu 2011 |
| 138 | Tneħħiet rampa quddiem *zebra crossing* meta saret bankina ġdida | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Ħamrun | Marzu 2011 |
| 139 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-kafeterija | Diskuss | Privat | Creme Cafe' | Lulju 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 140 | Nuqqas ta' aċċessibilità fit-tojlits pubbliċi tal-Buskett | Diskuss | Gvern | Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali | Lulju 2011 |
| 141 | Karozzi pparkjati quddiem rampa jostakolaw l-aċċess ta' bankina | Diskuss | Kunsilli | Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Lulju 2011 |
| 142 | Nuqqas ta' aċċessibilità fil-Promenade tal-Qawra | Diskuss | Gvern | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Awwissu 2011 |

## GĦOTI TA' OĠĠETTI U SERVIZZI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 143 | Aċċessibilità fl-*internet banking* | Diskuss | Privat | BOV | Marzu 2005 |
| 144 | Aċċessibilità fil-websajt | Magħluq | Knisja | Knisja ta' Malta | Jannar 2006 |
| 145 | Aċċessibilità fl-*internet banking* | Magħluq | Knisja | APS Bank | April 2008 |
| 146 | Aċċessibilità fil-websajt | Magħluq | Privat | GO | Lulju 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 147 | Aċċessibilità fl-*internet banking* | Diskuss | Privat | Lombard Bank | Settembru 2009 |
| 148 | Tibdil fl-iskeda tal-karozzi tal-linja | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Jannar 2007 |
| 149 | Nuqqas ta' aċċessibilità għal Valletta Park & Ride | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Frar 2007 |
| *150 | Nuqqas ta' sottotitoli fil-programmi | Diskuss | Privat | GO/Melita | April 2009 |
| 151 | Permess biex tidħol bil-vettura ħdejn l-iskola | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali B'kara | Novembru 2008 |
| 152 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Diskuss | Privat | RACA | Ġunju 2009 |
| 153 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Diskuss | Privat | Merlin | Diċembru 2009 |
| 154 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Diskuss | Privat | John's Group | Diċembru 2009 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 155 | Servizz ta' karozzi *hand controlled* għall-kiri | Diskuss | Privat | Thrifty | Diċembru 2009 |
| 156 | Trattament ħażin fl-*Outpatients* fl-Isptar Mater Dei | Magħluq | Gvern | Sptar Mater Dei | April 2010 |
| 157 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni | Magħluq | Parastatali | Airmalta | April 2010 |

## GĦOTI TA' OĠĠETTI U SERVIZZI - ILMENTI ĠODDA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 158 | L-użu tal-Karta tal-Identità Speċjali fl-Isptar Mater Dei | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Ottubru 2010 |
| 159 | L-użu tal-Karta tal-Identità Speċjali fil-fergħat tal-BOV | Magħluq | Privat | BOV | Jannar 2011 |
| 160 | Ma tirċevix il-pensjoni tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali | Ottubru 2010 |
| 161 | Diffikultà biex isir testment għal persuna b'diżabilità intellettwali | Magħluq | Privat | Privat | Novembru 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 162 | Diskriminazzjoni fl-*Energy Vouchers* | Magħluq | Parastatali | Enemalta | Novembru 2010 |
| 163 | Provediment ta' pensjoni wara korriment fuq xogħol | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali | Novembru 2010 |
| 164 | Nuqqas ta' *taxis* aċċessibbli | Magħluq | Privat | Privat | Novembru 2010 |
| *165 | L-għażla tal-atleti għall-i*Special Olympics* | Magħluq | Parastatali | Special Olympics Committee | Diċembru 2010 |
| 166 | Applikazzjoni għal parkeġġ riservat quddiem residenza tiġi rifjutata | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Frar 2011 |
| 167 | Abbuż minn parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Mdina | Frar 2011 |
| 168 | Omm ta' persuna b'diżabilità ma titħalliex twassal lil binha bil-karozza sal-bieb tal-iskola | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Ħamrun | Marzu 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| 169 | Ċitazzjoni minkejja li għandha Blue Badge u pparkjat f'parkeġġ tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Kunsilli | Kunsill Lokali Mdina | April 2011 |
| 170 | Talba għall-pensjoni tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali | Diċembru 2010 |
| 171 | Abbuż minn Blue Badge u parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabiltà fir-Rabat | Magħluq | Gvern | Kummissarju tal-Pulizija | Jannar 2011 |
| 172 | Abbuż minn parkeġġ riservat quddiem l-Għassa ta' San Ġiljan | Magħluq | Gvern | Kummissarju tal-Pulizija | Frar 2011 |
| 173 | Abbuż minn parkeġġi riservati ġewwa l-Qrendi u l-Ħamrun | Magħluq | Gvern | Kummissarju tal-Pulizija | Lulju 2011 |
| *174 | Parkeġġ riservat tal-persuni b'diżabilità viċin il-kumpless Bay Street f'San Ġiljan jinbidel f'parkeġġ għal *taxis* | Magħluq | Gvern | Transport Malta | Jannar 2011 |
| 175 | Tibdil fil-ħin tal-*Home Help Service* | Magħluq | Gvern | Dipartiment tal-Anzjani | Jannar 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *176 | Diskriminazzjoni fl-*online check in* tal-Airmalta | Diskuss | Parastatali | Airmalta | Mejju 2011 |
| 177 | Nollijiet tal-karozzi tal-Arriva | Diskuss | Privat | Arriva | Ġunju 2011 |
| 178 | Diffikultà biex persuni b'nuqqas ta' dawl jirrikonoxxu n-numri tal-karozzi tal-Arriva | Diskuss | Privat | Arriva | Lulju 2011 |
| 179 | Xufiera tal-karozzi tal-Arriva ma jagħtux każ il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Privat | Arriva | Awwissu 2011 |
| 180 | Ir-rotot tal-karozzi tal-Arriva ma jaħsbux fil-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Privat | Arriva | Settembru 2011 |
| 181 | Persuna b'diżabilità ma titħalliex tuża t-tojlit tal-Community Chest Fund | Magħluq | Gvern | Community Chest Fund | Ġunju 2011 |
| *182 | Persuna b'nuqqas ta' smigħ ma tingħatax lezzjonijiet tas-sewqan | Magħluq | Privat | Royal Motoring School | Lulju 2011 |
| 183 | Dewmien għal reviżjoni tal-pensjoni tal-persuni b'diżabilità | Magħluq | Gvern | Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali | Lulju 2011 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *184 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Diskuss | Gvern | Kummissarju tal-Pulizija | Lulju 2011 |
| 185 | Nuqqas ta' akkomodazzjoni fis-Seduti tal-Qorti | Diskuss | Gvern | Qorti tal-Ġustizzja | Lulju 2011 |
| 186 | Ipparkjar fuq parkeġġi risevati tal-persuni b'diżabilità fl-Isptar Mater Dei | Diskuss | Gvern | Sptar Mater Dei | Awwissu 2011 |
| 187 | Tifel b'awtiżmu ma jingħatax servizz regolari ta' *Occupational Therapy* | Magħluq | Gvern | Diviżjoni tas-Saħħa | Settembru 2011 |
| 188 | Nuqqas ta' parkeġġi riservati tal-persuni b'diżabilità quddiem iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid | Diskuss | Gvern | Transport Malta | Settembru 2011 |

## DJAR - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *189 | Il-ġirien tal-persuni b'diżabilità ma jaqblux li ssir rampa fil-parapett tal-komun | Diskuss | Privat | Privat | Ġunju 2010 |
| 190 | *Upgraded lift* mhux aċċessibbli | Diskuss | Privat | Privat | Awwissu 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|

## DJAR - ILMENTI ĠODDA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 191 | Talba biex issir rampa peress li l-ġirien neħħewha | Magħluq | Privat | Privat | Ottubru 2010 |
| *192 | Lift fi blokk ta' appartamenti f'Tigne' Point jieqaf jaħdem filgħaxija | Magħluq | Privat | Midi plc | Mejju 2011 |

## ASSIGURAZZJONI - ILMENTI MIS-SNIN TA' QABEL

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *193 | Assigurazzjoni ta' persuni b'diżabilità | Magħluq | Privat | Middlesea Insurance/BOV | Diċembru 2009 |
| 194 | L-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar hija diskriminatorja | Magħluq | Privat | Cordina Insurance Agency | Mejju 2010 |
| *195 | Il-kundizzjonijiet tal-*booking* u l-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar huma diskriminatorji | Diskuss | Privat | Britannia Services Ltd | Ġunju 2010 |

| Nr | Ilment | Status | Settur | Entità | Infetaħ |
|---|---|---|---|---|---|
| *196 | Talba għal kumpens għax intilfet btala | Magħluq | Privat | ROCS Insurance | Settembru 2010 |

## ASSIGURAZZJONI - ILMENTI ĠODDA

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| - | Xejn | - | - | - | - |

## TABELLA A

| 19. SKEJJEL TAL-KOMPJUTER | |
|---|---|
| 1 | Compex Computer |
| 2 | Computer Domain |
| 3 | Electronic Products |
| 4 | Execu Train |
| 5 | Holistic Technologies |
| 6 | Horizon 2000 |
| 7 | Integrated Business Systems |
| 8 | ITIS |
| 9 | Key Training |
| 10 | Learn Key |
| 11 | Malta Institute for Computer Studies |
| 12 | STC Training |
| 13 | St Mark's |
| 14 | St Martin's |
| 15 | TCTC |
| 16 | Innovate Training Institute |
| 17 | Computime Ltd |
| 18 | Quantum Solutions |
| 19 | St Thomas |
| 20 | Future Focus |
| 21 | Euro Canadian Electronics Ltd |
| 22 | Educational Support Serv Ltd |
| 23 | Computer Advisory Service |
| 24 | Trigold Ltd |
| 25 | Success Malta Ltd |
| 26 | Learning & Development Centre |
| 27 | IT Studies Centre |
| 28 | Hi-Tex Computer Centre |
| 29 | Exor Computer Training Centre |

## TABELLA B

| 49. KNEJJES PARROKKJALI TA' GĦAWDEX | |
|---|---|
| 1 | Parroċċa Għarb |
| 2 | Parroċċa San Ġorġ, Victoria |
| 3 | Parroċċa Xagħra |
| 4 | Parroċċa Kerċem |
| 5 | Parroċċa Munxar |
| 6 | Parroċċa tal-Katidral, Victoria |
| 7 | Parroċċa Xlendi |

## TABELLA Ċ

| 50. KNEJJES PARROKKJALI TA' MALTA | |
|---|---|
| 1 | Parroċċa Dingli |
| 2 | Parroċċa Fgura |
| 3 | Parroċċa San Ġiljan |
| 4 | Parroċċa San Gejtanu |
| 5 | Parroċċa Ħal Lija |
| 6 | Parroċċa Manikata |
| 7 | Parroċċa Ħal Luqa |
| 8 | Parroċċa Mellieħa |
| 9 | Parroċċa Mġarr |
| 10 | Parroċċa Ħaż-Żabbar |
| 11 | Parroċċa San Ġwann |
| 12 | Parroċċa Santu Wistin, Valletta |
| 13 | Parroċċa Qrendi |
| 14 | Parroċċa Paola |
| 15 | Parroċċa Stella Maris |
| 16 | Knisja San Pawl tat-Tarġa |
| 17 | Knisja Sant'Antnin, Birkirkara |
| 18 | Knisja San Franġisk, Valletta |
| 19 | Parroċċa Xgħajra |
| 20 | Parroċċa Marsaskala |
| 21 | Parroċċa Żejtun |
| 22 | Parroċċa San Bastjan, Ħal Qormi |
| 23 | Parroċċa Tarxien |
| 24 | Parroċċa Santa Luċija |
| 25 | Parroċċa Santa Marija, Birkirkara |
| 26 | Parroċċa San Ġużepp, Birkirkara |
| 27 | Parroċċa San Girgor, Sliema |
| 28 | Parroċċa Ħal Safi |
| 29 | Parroċċa Siġġiewi |
| 30 | Parroċċa Żurrieq |
| 31 | Parroċċa San Ġorġ, Ħal Qormi |

KNPD

**Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità**

Bugeia Institute
Santa Venera
Telefon: 2278 8555
Fax: 2278 8490
Sms biss: 7978 8555
Emejl: helpdesk@knpd.org

**www.knpd.org**

ISBN: 978-99909-71-51-4